Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 13 ta' Settembru 2023**
**(OR. en)**

**12954/23**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0322(CNS)**

**ECOFIN 869**
**FISC 190**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 13 ta' Settembru 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 529 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL dwar l-ipprezzar ta' trasferiment |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 529 final.

Mehmuż: COM(2023) 529 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 12.9.2023
COM(2023) 529 final

2023/0322 (CNS)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## dwar l-ipprezzar ta' trasferiment

{SWD(2023) 308-309}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din il-proposta hija parti mill-pakkett magħruf bħala "L-Intrapriżi fl-Ewropa: Qafas għat-Tassazzjoni tal-Introjtu", jew "BEFIT". Il-pakkett jinkludi, flimkien ma' din il-proposta dwar l-ipprezzar ta' trasferiment li tintegra l-prinċipji ewlenin tal-ipprezzar ta' trasferiment fid-dritt tal-UE bil-għan li jiġu ppreżentati ċerti approċċi komuni għall-Istati Membri, it-tieni proposta separata li tistabbilixxi sett komuni ta' regoli għall-komputazzjoni tal-bażi tat-taxxa ta' gruppi kbar ta' kumpaniji fl-UE.

L-ipprezzar ta' trasferiment jirreferi għall-iffissar tal-prezzijiet għat-tranżazzjonijiet bejn intrapriżi assoċjati (jiġifieri membri tal-istess Intrapriża Multinazzjonali - MNE) li jinvolvu t-trasferiment ta' proprjetà jew ta' servizzi. Volum sinifikanti ta' kummerċ globali jikkonsisti fi trasferimenti internazzjonali ta' oġġetti u servizzi, kapital u assi intanġibbli (bħall-proprjetà intellettwali) f'MNE; trasferimenti bħal dawn jissejħu "tranżazzjonijiet intragrupp".

It-"tranżazzjonijiet intragrupp" ma humiex neċessarjament regolati mill-forzi tas-suq iżda jistgħu fil-biċċa l-kbira jkunu xprunati mill-interessi komuni tal-grupp kollu kemm hu. Peress li l-kalkoli tat-taxxa huma ġeneralment ibbażati fuq kontijiet fil-livell tal-entità, il-prezzijiet jew kundizzjonijiet oħra li fihom iseħħu dawn it-tranżazzjonijiet intragrupp se jaffettwaw l-introjtu u/jew l-ispejjeż tal-entitajiet rilevanti fir-rigward ta' dawk it-tranżazzjonijiet, u bħala konsegwenza, se jkollhom impatt fuq l-ammont ta' profitt li kull entità fi grupp tirreġistra għall-finijiet tat-taxxa. Prezz ogħla jżid l-introjtu tal-bejjiegħ u jnaqqas l-introjtu tax-xerrej. Prezz aktar baxx inaqqas l-introjtu tal-bejjiegħ u jżid l-introjtu tax-xerrej. Għalhekk, il-prezz tat-trasferiment jinfluwenza l-bażi tat-taxxa kemm tal-pajjiż tal-bejjiegħ kif ukoll tal-pajjiż tax-xerrej involut fi tranżazzjoni transfruntiera.

Għalhekk huwa importanti li jiġi stabbilit il-prezz xieraq, imsejjaħ il-"prezz tat-trasferiment", għat-trasferimenti intragrupp. "Ipprezzar ta' trasferiment" huwa t-terminu ġenerali għall-ipprezzar tat-tranżazzjonijiet bejn partijiet relatati.

Skont l-istandards internazzjonali kurrenti, li ġew żviluppati mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD)[1], it-tranżazzjonijiet transfruntieri bejn entitajiet relatati ta' grupp multinazzjonali jridu jiġu pprezzati fuq l-istess bażi bħat-tranżazzjonijiet bejn partijiet terzi f'ċirkostanzi komparabbli. Dan huwa magħruf bħala "prinċipju ta' distakkament" u huwa rifless fl-Artikolu 9 (Intrapriżi Assoċjati) tal-Mudell ta' Konvenzjoni dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu u fuq il-Kapital tal-OECD[2].

Madankollu, l-Artikolu 9 ma jistabbilix regoli dettaljati dwar l-ipprezzar ta' trasferiment. Maż-żmien, l-OECD żviluppat il-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti għal Intrapriżi Multinazzjonali u Amministrazzjonijiet tat-Taxxa[3] (Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti) li jipprovdu gwida dwar it-tifsira u l-applikazzjoni tal-

1 Ara s-sit web tal-OECD: https://www.oecd.org/.
2 Mudell ta' Konvenzjoni dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu u fuq il-Kapital tal-OECD (https://www.oecd.org/ctp/treaties/model-tax-convention-on-income-and-on-capital-condensed-version-20745419.htm).
3 Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti għal Intrapriżi Multinazzjonali u Amministrazzjonijiet tat-Taxxa (https://www.oecd.org/tax/transfer-pricing/oecd-transfer-pricing-guidelines-for-multinational-enterprises-and-tax-administrations-20769717.htm).

prinċipju ta' distakkament. Dawk il-linji gwida ġew żviluppati bħala strument mhux vinkolanti bil-għan li jgħinu lill-MNEs u lill-awtoritajiet tat-taxxa jsibu soluzzjonijiet għal każijiet ta' pprezzar ta' trasferiment li jimminimizzaw il-kunflitti u jillimitaw il-litigazzjoni. Il-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti ġew ippubblikati għall-ewwel darba fl-1995 u jiġu aġġornati regolarment.

L-Artikolu 9 tal-Mudell ta' Konvenzjoni tal-OECD ma jitqiesx li joħloq reġim domestiku tal-ipprezzar ta' trasferiment jekk il-prinċipju ta' distakkament ma jkunx ġie inkorporat fid-dritt nazzjonali. Fil-fatt, huwa ġeneralment mifhum li l-Artikolu 9 ma huwiex "awtoeżekuttiv" fir-rigward tal-applikazzjoni domestika. Madankollu, il-ġuriżdizzjonijiet normalment ikollhom stabbilita leġiżlazzjoni domestika li tiżgura xi armonizzazzjoni fejn jidħlu l-prinċipji bażiċi, f'konformità mal-istandard ta' distakkament, anke jekk l-applikazzjoni ma tkunx identika madwar id-dinja. Barra minn hekk, il-ġuriżdizzjonijiet jista' jkollhom stabbilita l-gwida amministrattiva u/jew ir-regolamenti tagħhom stess biex jispjegaw aħjar id-dispożizzjonijiet nazzjonali u jipprovdu gwida dwar l-interpretazzjoni tagħhom.

Ir-raġunament ta' din il-proposta jirriżulta mill-fatt li kważi l-Istati Membri kollha huma wkoll membri tal-OECD[4] u għalhekk impenjaw ruħhom li jsegwu l-prinċipji u r-rakkomandazzjonijiet tal-OECD. Madankollu, minkejja l-impenn politiku mill-maġġoranza tal-Istati Membri, l-istatus u r-rwol tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti bħalissa jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor. Barra minn hekk, fil-livell tal-Unjoni, ir-regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment bħalissa ma humiex armonizzati permezz ta' atti leġiżlattivi, għalkemm l-Istati Membri kollha għandhom stabbilita leġiżlazzjoni domestika li tipprevedi approċċ komuni għall-prinċipji bażiċi. Madankollu, dan ma huwiex kompletament allinjat. Il-fatt li kull Stat Membru jgawdi diskrezzjoni kbira fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti jagħti lok għal kumplessità u kundizzjonijiet mhux ekwi għan-negozji.

Pereżempju, il-leġiżlazzjoni domestika tal-Istati Membri turi differenzi fid-definizzjoni ta' "intrapriżi assoċjati" u b'mod partikolari, dwar il-kunċett ta' "kontroll" li normalment huwa l-prekundizzjoni biex jiġi applikat l-ipprezzar ta' trasferiment. Ċerti Stati Membri japplikaw limitu ta' 25 % filwaqt li oħrajn japplikaw limitu ta' parteċipazzjoni azzjonarja ta' 50 % fir-rigward tad-determinazzjoni ta' jekk il-kriterju ta' kontroll huwiex issodisfat. Dan jissarraf f'negozji li qed jiffaċċjaw inċertezza tat-taxxa, kostijiet għoljin ta' konformità kif ukoll tilwim legali frekwenti u li jieħu ħafna ħin li jwassal, fost l-oħrajn, għal ammonti konsiderevoli ta' tariffi legali u joħloq ostakli għal operazzjonijiet transfruntieri u riskji għoljin ta' tassazzjoni doppja u/jew eċċessiva.

Ir-riskju ta' tassazzjoni doppja u tassazzjoni eċċessiva għan-negozji li joperaw b'mod transfruntier iwassal għal nuqqas ta' ċertezza tat-taxxa minħabba tilwim possibbli dwar it-taxxa[5] bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa ta' Stati Membri differenti f'każijiet li fihom ikollhom fehmiet differenti fir-rigward tat-trattament ta' tranżazzjoni speċifika fis-sistema tat-taxxa korporattiva tagħhom. F'ekonomija dinjija dejjem aktar globalizzata u kompetittiva, hemm ħtieġa akbar ta' aktar ċertezza tat-taxxa fis-Suq Uniku. Għalhekk, biex tiżdied iċ-ċertezza tat-taxxa fir-rigward tal-affarijiet tat-taxxa tagħhom, xi negozji jfittxu li jiksbu deċiżjonijiet tat-taxxa minn awtorità tat-taxxa fir-rigward tat-trattament ta' ċerti tranżazzjonijiet. Madankollu, jekk id-deċiżjoni tat-taxxa tkun unilaterali, Stati Membri oħra

4 Malta, Ċipru, il-Bulgarija u r-Rumanija ma humiex membri tal-OECD.
5 Kumpanija kbira indikat ukoll li t-tilwim dwar it-taxxa relatat mal-ipprezzar ta' trasferiment intra-UE u mal-eliminazzjoni tat-taxxa minn ras il-għajn żdied.

kkonċernati xorta jistgħu jikkontestaw it-trattament miftiehem ta' tali tranżazzjonijiet. Għalhekk, anke meta tinkiseb deċiżjoni unilaterali tat-taxxa, hemm riskju reali ta' tilwim dwar it-taxxa u possibbiltà ta' tassazzjoni doppja jew eċċessiva.

Il-kumplessità tar-regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment u l-implimentazzjoni differenti tagħhom fid-dritt nazzjonali tal-Istati Membri jwasslu għal għadd ta' problemi oħra:

– **Trasferiment tal-profitti u evitar tat-taxxa**[6]: il-prezzijiet tat-trasferiment jistgħu jiġu mmanipulati faċilment biex jittrasferixxu l-profitt u jintużaw fil-kuntest ta' skemi ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa.

– **Litigazzjoni**[7] **u tassazzjoni doppja**[8]: l-ipprezzar ta' trasferiment huwa aktar soġġettiv minn oqsma oħra ta' tassazzjoni diretta u indiretta u, għal din ir-raġuni, sensittiv għat-tilwim peress li l-amministrazzjonijiet tat-taxxa mhux dejjem jikkondividu interess u interpretazzjoni komuni. Dan minħabba li, sabiex tiġi pprevenuta t-tassazzjoni doppja, aġġustament primarju ('il fuq) ġustifikat minn amministrazzjoni tat-taxxa waħda, idealment għandu jiġi segwit minn aġġustament ('l isfel) korrelattiv mill-oħra. Dan jimplika li t-tieni amministrazzjoni tat-taxxa jkollha tnaqqas il-bażi tat-taxxa tagħha kif xieraq, li probabbilment hija għażla li l-amministrazzjoni tat-taxxa preferibbilment tevita li tagħmel.

– **Kostijiet għoljin ta' konformità**: It-tassazzjoni doppja diġà hija kost konsiderevoli għan-negozji li joperaw b'mod transfruntier. Barra minn hekk, anke l-kostijiet ta' konformità mat-taxxa[9] li huma relatati mal-ipprezzar ta' trasferiment huma

---

6 Fil-bidu tal-proġett tal-BEPS fl-2013, l-OECD tistma, filwaqt li tirrikonoxxi l-limitazzjonijiet metodoloġiċi u tad-*data*, li l-iskala tat-telf globali tad-dħul mit-taxxa korporattiva fuq l-introjtu minħabba l-prattiki tal-BEPS tista' tkun bejn USD 100 u 240 biljun fis-sena (ara https://www.oecd.org/tax/beps-project-explanatory-statement-9789264263437-en.htm); Il-manipulazzjoni tal-Ipprezzar ta' Trasferimenti ġiet identifikata bħala waħda mill-prattiki tal-BEPS. B'mod partikolari, l-Azzjonijiet 8-10 tal-proġett tal-BEPS kienu ddedikati għat-tisħiħ tal-gwida dwar il-prinċipju ta' distakkament sabiex jiġi żgurat li tkun ir-realtà ekonomika li tiddetta r-riżultati aktar milli dik li tinsab fuq il-karta. F'dan ir-rigward, ir-rapport finali tal-Azzjonijiet 8-10 ifittex li jallinja l-eżiti tal-ipprezzar ta' trasferimenti mal-ħolqien tal-valur tal-grupp MNE.

7 L-istatistika uffiċjali tal-OECD turi li fl-aħħar tal-2021, in-numru ta' Proċeduri ta' ftehim reċiproku (MAPs) pendenti attivati biex isolvu t-tassazzjoni doppja li tirriżulta minn każijiet ta' Prezzar tat-Trasferimenti żdied bi 33 % meta mqabbel mal-2016 (l-inventarju tal-MAP fl-aħħar tal-2021 kien juri 6000 każ meta mqabbel mal-4500 każ tal-MAP pendenti fi tmiem l-2016). L-istatistika tal-MAP tal-OECD hija disponibbli fuq: https://www.oecd.org/tax/dispute/mutual-agreement-procedure-statistics-2021-inventory-trends.htm#tpcases. L-istatistika uffiċjali tal-UE dwar il-MAPs fil-qafas tal-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ turi żieda fit-tilwim dwar l-ipprezzar ta' trasferiment bejn l-Istati Membri ta' 17 % meta mqabbla mas-sena ta' qabel (l-inventarju totali tal-MAP tal-Istati Membri fi tmiem l-2020 kien ta' 2213 filwaqt li l-inventarju totali tal-MAP tal-Istati Membri fi tmiem l-2019 kien ta' 1889). L-istatistika tal-EU MAP hija disponibbli hawnhekk: https://taxation-customs.ec.europa.eu/taxation-1/statistics-apas-and-maps-eu_en.

8 Skont stħarriġ dwar l-ipprezzar ta' trasferiment ppubblikat minn Ernst & Young (u disponibbli fuq http://www.ey.com/global/content.nsf/International/2007-2008_Transfer_Pricing_Global_Survey), waħda mir-raġunijiet għaliex in-negozju jqis l-ipprezzar ta' trasferiment kwistjoni tat-taxxa ta' prijorità hija tabilħaqq il-konnessjoni tiegħu mat-tassazzjoni doppja. Skont l-istħarriġ (twettqu 850 intervista ma' kumpaniji multinazzjonali f'24 pajjiż (li 11 minnhom huma Stati Membri tal-UE)), in-negozju rrapporta li 42 % tal-każijiet ta' aġġustament wasslu għal tassazzjoni doppja permanenti. Dan huwa primarjament minħabba li d-ditti ġeneralment ma jirreferux każijiet għal proċeduri ta' ftehim reċiproku, peress li jqisu l-proċeduri twal wisq u għaljin.

9 Skont l-Istudju dwar it-Taxxa tal-Kumpaniji mwettaq mill-Kummissjoni Ewropea fl-2001 (Tassazzjoni fis-Suq Uniku". SEC (2001) 582 final) Intrapriżi multinazzjonali ta' daqs medju huma rrapportati li jonfqu madwar EUR 1 miljun sa EUR 2 miljun fis-sena biex jikkonformaw mar-regoli dwar l-ipprezzar

sinifikanti. Dawn il-kostijiet jirriżultaw mill-obbligu fuq in-negozji li jiddeterminaw liema prezzijiet jistgħu jitqiesu bħala ta' distakkament, iwettqu studji u jiġbru u jżommu/jaġġornaw id-dokumentazzjoni relatata.

Dawn l-ostakli tat-taxxa għan-negozji jxekklu l-funzjonament xieraq tas-Suq Uniku u jfixklu l-prospett li jinkiseb il-potenzjal tiegħu f'termini ta' titjib fl-effiċjenza. B'riżultat ta' dan, il-kompetittività tas-Suq Uniku hija mminata.

Din il-proposta għandha l-għan li tissimplifika r-regoli tat-taxxa billi żżid iċ-ċertezza tat-taxxa għan-negozji fl-UE, u b'hekk tnaqqas ir-riskju ta' litigazzjoni u ta' tassazzjoni doppja u l-kostijiet ta' konformità korrispondenti u għaldaqstant ittejjeb il-kompetittività u l-effiċjenza tas-Suq Uniku. Eżitu ċar kemm mill-konsultazzjonijiet immirati kif ukoll minn dawk pubbliċi kien ix-xewqa tan-negozji li jkun hemm ċertezza tat-taxxa, u b'mod aktar ġenerali, ċertezza tad-dritt. Iċ-ċertezza tat-taxxa dejjem kienet prijorità għolja għan-negozju, spiss enfasizzata bħala tħassib aktar importanti mir-rata tat-taxxa. Din saret kwistjoni dejjem aktar kritika minħabba l-għadd kbir ta' riformi ambizzjużi fit-tassazzjoni korporattiva internazzjonali matul dawn l-aħħar snin.

Dan l-objettiv jintlaħaq permezz ta': (1) l-inkorporazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament fid-dritt tal-Unjoni; (2) l-armonizzazzjoni tar-regoli ewlenin dwar l-ipprezzar ta' trasferiment; (3) kjarifika tar-rwol u l-istatus tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar ta' Trasferimenti; u (4) il-ħolqien tal-possibbiltà li fl-Unjoni jiġu stabbiliti regoli vinkolanti komuni dwar suġġetti speċifiċi tal-ipprezzar ta' trasferiment fil-qafas tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar ta' Trasferimenti.

Il-proposta tipprovdi żvilupp gradwali ta' approċċi komuni u konsistenti fost l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri għall-interpretazzjoni u għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment permezz tal-inkorporazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament fid-dritt tal-Unjoni u l-kjarifika tar-rwol u l-istatus tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar ta' Trasferimenti. Barra minn hekk, il-prospett li jiġu stabbiliti regoli vinkolanti komuni għall-Istati Membri dwar tranżazzjonijiet speċifiċi fil-qafas tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar ta' Trasferimenti għandu jtejjeb ir-reżiljenza tan-negozji fl-Unjoni, inaqqas id-distorsjonijiet u jikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta għal Direttiva hija konsistenti bis-sħiħ mal-politiki eżistenti tal-UE fil-qasam tat-tassazzjoni diretta. Dan isegwi l-isforzi tal-Kummissjoni u tal-Unjoni bħala parti mill-aġenda tal-politika tat-taxxa tagħha biex toħloq qafas tat-taxxa robust, effiċjenti u ġust, li jwassal dħul solidu u li jwassal għat-tkabbir kif stabbilit fl-2021 fil-Komunikazzjoni: It-Tassazzjoni tal-Intrapriżi għas-Seklu 21[10]. Din l-inizjattiva ta' politika tikkonforma mal-isforzi biex in-negozju jiġi pprovdut b'ċertezza tat-taxxa u b'kundizzjonijiet ekwi, filwaqt li jiġi żgurat li l-gvernijiet nazzjonali jkunu jistgħu jaċċessaw dħul mit-taxxa korporattiva ġust u stabbli.

ta' trasferiment. L-intrapriżi multinazzjonali kbar iġarrbu kostijiet ta' konformità relatati mal-ipprezzar ta' trasferiment ta' madwar EUR 4 miljun sa EUR 5,5 miljun fis-sena.

[10] Il-Komunikazzjoni dwar It-Tassazzjoni tal-Intrapriżi għas-Seklu 21 ara: https://taxation-customs.ec.europa.eu/communication-business-taxation-21st-century_en.

Fl-2016, ġiet adottata d-Direttiva kontra l-Evitar tat-Taxxa (ATAD)[11] sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni koordinata fl-Istati Membri ta' miżuri ewlenin kontra l-evitar tat-taxxa li jirriżulta mill-azzjonijiet interni tal-Proġett tal-Erożjoni tal-Bażi tat-Taxxa u Trasferiment tal-Profitti u jiġi stabbilit numru ta' regoli speċifiċi u ġenerali kontra l-abbuż mit-taxxa. Fl-2017 ġiet emendata biex tinkludi aktar regoli kontra l-evitar tat-taxxa fir-rigward tad-diskrepanzi bejn is-sistemi tat-taxxa[12].

B'mod parallel, id-Direttiva dwar il-kooperazzjoni amministrattiva (DAC)[13], sa mill-adozzjoni tagħha fl-2011, ġiet riveduta u estiża diversi drabi biex tippermetti skambju fuq skala kbira u f'waqtu ta' informazzjoni relatata mat-taxxa bejn l-awtoritajiet tat-taxxa madwar l-Unjoni ħalli tappoġġa l-infurzar tal-liġijiet tat-taxxa tal-Istati Membri.

B'mod partikolari, id-DAC3[14] u d-DAC6[15] huma ta' rilevanza speċifika għal din il-proposta minħabba l-konnessjoni tagħhom mal-ipprezzar ta' trasferiment. Skont id-DAC3, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, fost l-oħrajn, jiskambjaw awtomatikament informazzjoni relatata mal-hekk imsejħa Arranġamenti Preliminari ta' Prezzijiet ta' Trasferiment (APAs)[16]. Id-DAC6 tirregola l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar arranġamenti transfruntieri rapportabbli li jkunu ġew irrapportati minn intermedjarji jew mill-kontribwent rilevanti. L-arranġamenti transfruntieri rapportabbli huma identifikati abbażi ta' għadd ta' "karatteristiċi distintivi", li jinkluduindikaturi differenti ta' riskju potenzjali ta' evitar tat-taxxa. Il-karatteristika distintiva E hija relatata ma' arranġamenti rilevanti għall-ipprezzar ta' trasferiment.

Il-proposta hija konsistenti wkoll mal-output tal-passat tal-Forum Konġunt dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment (JTPF)[17], grupp ta' esperti li ġie stabbilit mill-Kummissjoni fl-2002 biex jipproponi soluzzjonijiet prammatiċi u mhux leġiżlattivi għall-problemi prattiċi maħluqa mill-prattiki tal-ipprezzar ta' trasferiment fl-Unjoni. Il-JTPF ħadem fil-qafas tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti u ħadem abbażi ta' konsensus. Filwaqt li tibni fuq il-ħidma li saret mill-JTPF, il-Kummissjoni bdiet sett ta' miżuri kkoordinati, jew gwida jew rakkomandazzjonijiet, li sussegwentement kollha ġew approvati mill-Kunsill. Waħda minn dawn hija l-Kodiċi ta' Kondotta dwar id-dokumentazzjoni tal-ipprezzar ta' trasferiment għall-

11 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1164 tat-12 ta' Lulju 2016 li tistabbilixxi regoli kontra l-prattiki ta' evitar tat-taxxa li jaffettwaw direttament il-funzjonament tas-suq intern (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32016L1164).

12 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/952 tad-29 ta' Mejju 2017 li temenda d-Direttiva (UE) 2016/1164 fir-rigward ta' diskrepanzi ibridi ma' pajjiżi terzi (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32017L0952).

13 Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal-15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/ALL/?uri=CELEX%3A32011L0016).

14 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/2376 tat-8 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE fir-rigward tal-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/ALL/?uri=CELEX%3A32015L2376).

15 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2018/822 tal-25 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar l-iskambju awtomatiku u obbligatorju ta' informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni fir-rigward ta' arranġamenti transkonfinali rapportabbli (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32018L0822).

16 L-APA jirreferi għal kwalunkwe ftehim, komunikazzjoni jew kwalunkwe strument jew azzjoni oħra b'effetti simili, li tiddetermina minn qabel, sett xieraq ta' kriterji għall-istabbiliment tal-prezz tat-trasferiment ta' tranżazzjonijiet transfruntieri bejn intrapriżi assoċjati jew l-attribuzzjoni ta' profitti lil stabbiliment permanenti.

17 Ara l-Forum Konġunt tal-UE dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment (JTPF) hawnhekk: https://taxation-customs.ec.europa.eu/joint-transfer-pricing-forum_en.

intrapriżi assoċjati fl-Unjoni Ewropea (EU TPD)[18], li ġeneralment jiġi segwit mill-Istati Membri. Il-mandat tal-JTPF skada f'Marzu 2019 u ma ġġeddidx.

Il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ[19] hija wkoll komplementari għall-proposta. Din tistabbilixxi proċedura biex issolvi tilwim meta sseħħ it-tassazzjoni doppja bejn l-intrapriżi ta' Stati Membri differenti bħala riżultat ta' aġġustament 'il fuq tal-profitti ta' intrapriża ta' Stat Membru wieħed. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tat-trattati bilaterali dwar it-taxxa doppja jinkludu dispożizzjoni għal aġġustament 'l isfel korrelattiv tal-profitti tal-intrapriża assoċjata kkonċernata, ġeneralment ma jimponux obbligu vinkolanti fuq l-Istati Kontraenti biex jeliminaw it-tassazzjoni doppja. Il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ tipprevedi l-eliminazzjoni tat-tassazzjoni doppja bi ftehim bejn l-istati kontraenti inkluż, jekk ikun meħtieġ, b'referenza għall-opinjoni ta' korp konsultattiv indipendenti. Għalhekk, il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ ittejjeb il-kundizzjonijiet għall-attivitajiet transfruntieri fis-Suq Intern.

Minbarra l-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ, il-kontribwenti jistgħu jserrħu fuq ir-regoli l-ġodda dwar is-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-taxxa li japplikaw mill-1 ta' Lulju 2019. Dawn huma stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill dwar il-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-taxxa fl-Unjoni Ewropea[20] u jġibu titjib sinifikanti fis-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-taxxa, peress li jiżguraw li n-negozji u ċ-ċittadini jkunu jistgħu jsolvu t-tilwim relatat mal-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tat-trattati dwar it-taxxa b'mod aktar rapidu u effettiv. Ir-regoli l-ġodda jkopru wkoll kwistjonijiet relatati mat-tassazzjoni doppja li jseħħu meta żewġ pajjiżi jew aktar jitolbu d-dritt li jintaxxaw l-istess introjtu jew profitti ta' kumpanija jew persuna. Dan jista' jseħħ, pereżempju, minħabba nuqqas ta' qbil fir-regoli nazzjonali jew interpretazzjonijiet differenti tar-regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment fi trattat bilaterali dwar it-taxxa.

Fl-aħħar nett, f'Lulju 2020, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri interessati, Qafas ta' Konformità Kooperattiva tal-UE, komunement imsejjaħ Approċċ Ewropew ta' Fiduċja u Kooperazzjoni (ETACA)[21]. L-għan tiegħu huwa li jipprovdi qafas ċar u mifrux mal-UE kollha għal djalogu preventiv bejn l-amministrazzjonijiet tat-taxxa u l-kontribwenti kummerċjali sabiex jistimula djalogu preventiv li jwassal għat-twettiq mill-amministrazzjonijiet tat-taxxa ta' valutazzjoni tar-riskju ta' livell għoli tal-politika tal-ipprezzar ta' trasferiment adottata minn intrapriżi multinazzjonali kbar. B'riżultat ta' dan, il-kumpaniji jirċievu appoġġ fl-internazzjonalizzazzjoni tagħhom sabiex jevitaw kwistjonijiet ta' tassazzjoni doppja u jnaqqsu l-kostijiet ta' konformità mat-taxxa. F'Marzu 2023 ġiet konkluża fażi pilota tal-programm u s-servizzi tal-Kummissjoni bħalissa qed jevalwaw jekk u kif għandhom imexxu 'l quddiem il-programm fuq bażi permanenti.

---

18 Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, tas- 27 ta' Ġunju 2006 dwar kodiċi ta' kondotta dwar id-dokumentazzjoni rigward l-ipprezzar tat-trasferimenti għall-intrapriżi assoċjati fl-Unjoni Ewropea (TPD UE), 2006/C 176/01, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C_.2006.176.01.0001.01.ENG&toc=OJ%3AC%3A2006%3A176%3AFULL

19 Il-Konvenzjoni dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja in konnessjoni mal-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati (90/463/KEE).

20 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/1852 tal-10 ta' Ottubru 2017 dwar Mekkaniżmi għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Taxxa fl-Unjoni Ewropea (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/ALL/?uri=CELEX%3A32017L1852).

21 Ara s-sit web tal-ETACA hawnhekk: https://taxation-customs.ec.europa.eu/eu-cooperative-compliance-programme/european-trust-and-cooperation-approach-etaca-pilot-project-mnes_en.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni tal-aġenda tagħha għal tassazzjoni ġusta u sempliċi, bħad-Direttivi msemmija hawn fuq permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku[22] tagħha u programmi oħra tal-Unjoni.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din il-proposta għal Direttiva hija konformi mal-istrateġija tal-Kummissjoni għall-SMEs dwar it-tassazzjoni u l-SMEs[23]. Il-biċċa l-kbira tal-SMEs iqisu li l-kwistjonijiet ta' tassazzjoni huma l-aktar qasam ta' politika impenjattiv li jaffettwahom. L-SMEs għandhom ħafna diffikultajiet rigward il-kwistjonijiet ta' taxxa, pereżempju: tassazzjoni diretta (introjtu, kapital, tassazzjoni doppja, eċċ.), kostijiet ta' konformità tat-taxxa u l-piż amministrattiv li jirriżulta mir-regoli tat-taxxa. Peress li l-proposta tagħna għandha l-għan li toħloq approċċ komuni lejn l-ipprezzar ta' trasferiment u b'hekk toħloq aktar ċertezza tat-taxxa f'dan il-qasam fl-Unjoni għall-kumpaniji irrispettivament mid-daqs tagħhom, l-SMEs se jibbenefikaw ukoll minn approċċ aktar armonizzat li jista' jwassal għal tnaqqis fil-kost ta' konformità kif ukoll għal aktar ċertezza *vis-à-vis* l-awtoritajiet tat-taxxa fl-Istati Membri differenti.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal inizjattivi leġiżlattivi dwar it-tassazzjoni hija l-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Għalkemm ma ssir l-ebda referenza espliċita għat-tassazzjoni diretta f'dan l-Artikolu, huwa jirreferi għall-ħruġ ta' direttivi għall-approssimizzazzjoni tal-liġijiet nazzjonali li jaffettwaw direttament l-istabbiliment jew il-funzjonament tas-suq uniku. Minn dan isegwi li, skont l-Artikolu 115 tat-TFUE, id-direttivi huma l-istrument legali xieraq għall-Unjoni f'dan il-qasam. Abbażi tal-Artikolu 288 tat-TFUE, id-direttivi se jkunu vinkolanti fir-rigward tar-riżultat li għandu jinkiseb mill-Istati Membri iżda jħallu l-għażla tal-forma u l-metodi lill-awtoritajiet nazzjonali.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għandha tittieħed azzjoni fuq il-livell tal-Unjoni biss meta l-għanijiet previsti ma jkunux jistgħu jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom, u li għaldaqstant, minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, ikunu jistgħu jintlaħqu aħjar mill-Unjoni.

In-natura transfruntiera tal-problema inkwistjoni tirrikjedi inizjattiva komuni fis-suq uniku. Peress li l-ipprezzar ta' trasferiment huwa ta' natura transfruntiera inerenti, dan jista' jiġi indirizzat biss billi tiġi stabbilita leġiżlazzjoni fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, din l-inizjattiva hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, meta jitqies li azzjoni individwali mhux ikkoordinata mill-Istati Membri żżid biss mal-frammentazzjoni kurrenti tal-qafas legali għall-ipprezzar ta' trasferiment u tonqos milli tikseb ir-riżultati maħsuba. Approċċ komuni għall-Istati Membri kollha jkollu l-akbar probabbiltà li jilħaq l-objettivi maħsuba.

Għalhekk, inizjattiva leġiżlattiva hija f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

---

22 Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku, ĠU L 57, 18.2.2021, p. 1.

23 Ara s-sit web tat-Tassazzjoni u l-SMEs: https://single-market-economy.ec.europa.eu/smes/sme-strategy/taxation-and-smes_en.

- **Proporzjonalità**

Il-miżuri previsti ma jmorrux lil hinn mil-livell minimu meħtieġ ta' protezzjoni għas-Suq Uniku u għalhekk huma konformi mal-prinċipji tal-proporzjonalità. Id-Direttiva tiżgura approċċ komuni fir-rigward tal-prinċipji ewlenin tal-ipprezzar ta' trasferiment u tipprovdi regoli mmirati għal tranżazzjonijiet speċifiċi fejn jista' jinħoloq l-aktar valur miżjud għall-Unjoni. Standard komuni tal-prinċipju ta' distakkament u approċċ aktar armonizzat lejn l-ipprezzar ta' trasferiment għandhom jirriżultaw f'applikazzjoni u interpretazzjoni inqas frammentati tal-prinċipju ta' distakkament madwar l-Unjoni li għandu jnaqqas it-tilwim, il-litigazzjoni u l-kostijiet kumplessivi ta' konformità għan-negozji li joperaw madwar l-Unjoni.

Fid-dawl ta' dan, il-proposta għal Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi tagħha u għalhekk hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta hija għal Direttiva, li hija l-uniku strument permissibbli skont il-bażi ġuridika kif stabbilit fl-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni eżistenti preċedenti tal-Unjoni fil-qasam tal-ipprezzar ta' trasferiment għalhekk ma twettqet l-ebda evalwazzjoni *ex post* jew kontroll tal-idoneità.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Bejn it-13 ta' Ottubru 2022 u s-26 ta' Jannar 2023 ġiet ippubblikata sejħa għall-evidenza u stħarriġ online dwar l-inizjattiva usa' tal-BEFIT. B'mod kumplessiv, l-attivitajiet ta' konsultazzjoni rċevew 123 kontribut. Fost dawn, hemm 46 kontribut ta' feedback, 77 tweġiba għall-istħarriġ ta' konsultazzjoni pubblika, li minnhom 29 kienu jinkludu sottomissjonijiet bil-miktub. Il-kontributi kollha riċevuti mill-partijiet ikkonċernati tqiesu fil-valutazzjoni tal-impatt.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni kkonsultat u rċeviet kontribut minn diversi sorsi matul it-tħejjija tal-proposta. Fost l-oħrajn, il-Kummissjoni bbażat fuq informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, ikkonsultat mas-segretarjat tal-OECD u rċeviet kontribut minn akkademiċi speċjalizzati fil-qasam tal-ipprezzar ta' trasferiment billi organizzat diskussjoni ta' bord virtwali.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Twettqet valutazzjoni tal-impatt biex titħejja l-inizjattiva tal-BEFIT, li minnha tagħmel parti din il-proposta. Ir-rapport tal-abbozz tal-valutazzjoni tal-impatt ġie ppreżentat lill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju (RSB) tal-Kummissjoni fis-26 ta' April 2023. Wara laqgħa fl-24 ta' Mejju 2023, l-RSB ta opinjoni pożittiva b'riżervi fis-26 ta' Mejju 2023, li tissuġġerixxi xi oqsma għal aktar titjib fir-rigward tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-inizjattiva BEFIT kumplessiva. Ma ġiet aġġornata l-ebda *data* speċifika oħra relatata ma' din il-proposta. Is-sommarju eżekuttiv li jakkumpanja l-valutazzjoni tal-impatt ġie ppubblikat fil-link li ġejja: [għandu jiżdied aktar tard]

Il-valutazzjoni tal-impatt, kif riveduta skont ir-rakkomandazzjonijiet mill-RSB, eżaminat l-għażla bażi (jiġifieri l-ebda bidla) u żewġ għażliet ta' politika:

**Għażla 1: L-inklużjoni tal-prinċipju ta' distakkament u tal-Linji Gwida dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti tal-OECD fid-dritt tal-Unjoni**

Din l-għażla hija dwar l-armonizzazzjoni tan-normi tal-ipprezzar ta' trasferiment fl-Unjoni fil-forma ta' leġiżlazzjoni bbażata fuq il-prinċipji. Il-prinċipju ta' distakkament ikun integrat fid-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-liġi tiċċara l-istatus u r-rwol tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti u tirreferi għall-aħħar verżjoni tagħhom għall-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament. B'effett ta' dan, il-Linji Gwida jinbidlu f'għodda vinkolanti iżda dan jikkonċerna esklużivament il-verżjoni (l-aktar reċenti) li tkun inkorporata fid-dritt tal-Unjoni; mhux ir-reviżjonijiet tagħha. L-għan ikun li jiġi żgurat li l-Istati Membri jsegwu l-istess prinċipju u jkollhom approċċ komuni għall-applikazzjoni tal-ipprezzar ta' trasferiment.

**Għażla 2: L-inklużjoni tal-prinċipju ta' distakkament u tal-Linji Gwida dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti tal-OECD fid-dritt tal-Unjoni flimkien mal-iżvilupp gradwali ta' approċċi komuni għall-prattika tal-applikazzjoni tal-ipprezzar ta' trasferiment.**

Din l-għażla tibni fuq l-Għażla 1 u mhux biss ikollha l-għan li tiżgura li l-Istati Membri tal-UE japplikaw l-istess prinċipju iżda tmur pass ieħor fl-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu li jiżgura koordinazzjoni tal-fehmiet u tal-interpretazzjonijiet tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-ipprezzar ta' trasferiment fost l-Istati Membri.

L-istess bħal fl-Għażla 1, il-prinċipju ta' distakkament jiġi inkorporat fid-dritt tal-Unjoni u l-leġiżlazzjoni tiċċara r-rwol u l-istatus tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti, iżda dawn ikunu wkoll ikkomplementati b'mekkaniżmu għall-koordinazzjoni tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tagħhom fil-livell tal-Unjoni. Barra minn hekk, dan jinkludi diversi dispożizzjonijiet li jistabbilixxu r-regoli ewlenin tal-ipprezzar ta' trasferiment. Din l-għażla tkompli tistabbilixxi regoli speċifiċi kontra l-abbuż fl-ipprezzar ta' trasferiment. Titlob ukoll li jitwaqqaf grupp ta' esperti biex jiddiskuti u jaqbel dwar l-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament, jiżgura interpretazzjoni u approċċ koordinati għall-problemi prattiċi li jirriżultaw mill-prattiki tal-ipprezzar ta' trasferiment fl-Unjoni.

Iż-żewġ għażliet tqabblu mal-kriterji li ġejjin: l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza u l-proporzjonalità. Fil-valutazzjoni tal-impatt ġie konkluż li l-Għażla 2 kienet l-għażla ppreferuta.

Din il-proposta tirrifletti din l-Għażla 2 għalkemm b'emendi żgħar. L-ewwel nett, il-proposta ma tinkludi l-ebda regola speċifika kontra l-abbuż. Madankollu, il-proposta tindirizza l-kwistjoni ta' aġġustamenti 'l isfel bħala regola sistematika f'konformità mal-approċċ tal-Mudell ta' Konvenzjoni dwar it-Taxxa tal-OECD. It-tieni, regoli vinkolanti dwar ċerti tranżazzjonijiet issa huma previsti li jinħarġu fil-forma ta' atti ta' implimentazzjoni tal-Kunsill wara proposta mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni tqis li se jseħħ impatt ekonomiku pożittiv minħabba kostijiet ta' konformità aktar baxxi kemm fil-livell tal-amministrazzjonijiet tat-taxxa kif ukoll tal-kontribwent minħabba aktar ċertezza tat-taxxa u b'hekk inqas tilwim dwar it-taxxa. L-impatt soċjali u ambjentali huwa mistenni li jkun pjuttost limitat.

### Drittijiet fundamentali

Id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari r-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tad-*data* personali skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* ("GDPR")[24], huma salvagwardjati. Id-*data* personali se tiġi pproċessata biss sal-punt u sakemm ikun strettament meħtieġ għall-awtoritajiet kompetenti tagħhom biex jiżguraw il-konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom dwar it-taxxa u l-mitigazzjoni tar-riskju ta' frodi, evażjoni jew evitar tat-taxxa fl-Istati Membri, b'mod partikolari billi tiġi vverifikata l-applikazzjoni korretta tar-regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment minquxa f'din id-Direttiva.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-implikazzjonijiet baġitarji prinċipali tal-inizjattiva għall-Kummissjoni jinkludu riżorsi umani addizzjonali biex ikopru l-kompiti l-ġodda u l-ħolqien ta' grupp ta' esperti. Dan il-grupp ta' esperti se jkun magħmul minn esperti fil-qasam tal-ipprezzar ta' trasferiment u se jipprovdi lill-Kummissjoni bl-għarfien espert biex tikkunsidra liema elementi għandhom ikunu koperti fl-atti ta' implimentazzjoni li se tipproponi lill-Kunsill. Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva tipprovdi dettalji dwar ir-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni għandha tevalwa d-Direttiva 5 snin wara li r-regoli nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva jidħlu fis-seħħ u kull 5 snin wara dan.

Għall-fini tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'*data* li tirrifletti l-informazzjoni rilevanti dwar il-funzjonament tad-Direttiva fuq bażi annwali. L-informazzjoni rilevanti għandha tiġi ddefinita permezz ta' att ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ddikjarata fl-Artikolu 17 tal-proposta.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-proposta tista' tinqasam fi tliet partijiet: (1) l-ewwel parti tkopri l-prinċipju ta' distakkament u l-konsegwenzi possibbli tal-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju; (2) it-tieni parti tistabbilixxi elementi ewlenin li huma rilevanti għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament; u (3) it-tielet parti tinkludi mekkaniżmu għall-istabbiliment ta' regoli komuni ulterjuri li jkopru sett limitat ta' suġġetti li se jipprovdu aktar simplifikazzjoni u ċertezza tat-taxxa għall-kontribwenti dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament.

### (i) Il-prinċipju ta' distakkament

*Il-prinċipju*

L-Artikolu 4 jispeċifika li meta t-termini u l-kundizzjonijiet ta' tranżazzjonijiet intragrupp transfruntieri ma jkunux fuq bażi ta' distakkament, dawn iridu jiġu aġġustati biex jirriflettu t-

[24] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*).

termini u l-kundizzjonijiet li kienu jiġu stabbiliti bejn partijiet indipendenti u l-profitti ntaxxati kif xieraq.

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, stabbiliment permanenti għandu jiġi ttrattat bħala intrapriża assoċjata u għalhekk ir-regola ġenerali li tinsab fl-Artikolu 4 hija rilevanti wkoll għall-attribuzzjoni tal-profitt lil stabbiliment permanenti. B'konsegwenza ta' dan, in-negozjati interni bejn l-uffiċċju prinċipali u l-istabbiliment permanenti għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-prinċipju ta' distakkament.

Skont il-prinċipju ta' distakkament, il-prezzijiet tat-tranżazzjonijiet bejn intrapriżi assoċjati ("prezzijiet tat-trasferiment") jiġu ttestjati u jistgħu jiġu aġġustati biex jirriflettu l-prezzijiet ta' tranżazzjonijiet mhux ikkontrollati komparabbli.

Sabiex tranżazzjoni tkun fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regola ġenerali prevista fl-Artikolu 4, din trid isseħħ bejn żewġ entitajiet assoċjati. Għalhekk, huwa essenzjali li jkun hemm definizzjoni komuni ta' intrapriża assoċjata fl-Unjoni. L-Artikolu 5 jinkludi d-definizzjoni ta' intrapriża assoċjata li l-Istati Membri jeħtiġilhom jimplimentaw għall-fini tal-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment stabbiliti f'din il-proposta għal Direttiva.

*Aġġustamenti*

L-aġġustamenti tal-ipprezzar ta' trasferiment jistgħu jiġu kklassifikati f'żewġ kategoriji prinċipali: (i) dawk magħmula minn amministrazzjoni tat-taxxa wara li tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni tat-taxxa tal-kumpanija, li jistgħu jinkludu aġġustamenti primarji u aġġustamenti korrelattivi u (ii) dawk magħmula volontarjament mill-kontribwent qabel ma tiġi ppreżentata d-dikjarazzjoni tat-taxxa tal-kumpanija, li huma magħrufa bħala aġġustamenti kumpensatorji.

L-Artikolu 6 jipprovdi regoli dwar kif l-Istati Membri għandhom jittrattaw aġġustamenti primarji u korrelattivi. L-aġġustamenti primarji jikkonċernaw iż-żieda tal-profitti taxxabbli ta' kumpanija, bħala riżultat ta' tranżazzjonijiet transfruntieri ma' intrapriża assoċjata li ma jkunux twettqu b'mod distakkat. L-aġġustamenti korrelattivi jsiru b'rispons għal aġġustament primarju u jkollhom l-għan li jeliminaw kwalunkwe tassazzjoni doppja li tista' sseħħ bħala riżultat ta' aġġustament primarju. Fil-fatt, meta amministrazzjoni tat-taxxa żżid il-profitti taxxabbli ta' kumpanija f'ġuriżdizzjoni tat-taxxa waħda (permezz ta' aġġustament primarju), jista' jkun meħtieġ aġġustament korrelattiv sabiex titnaqqas l-obbligazzjoni ta' taxxa ta' dik il-kumpanija fit-tieni ġuriżdizzjoni tat-taxxa involuta.

L-objettiv primarju tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 6 huwa li jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom stabbilit mekkaniżmu adegwat li jippermettilhom jagħmlu aġġustament korrelattiv meta jsir aġġustament primarju f'ġuriżdizzjoni oħra. Meta ma jkun hemm l-ebda aġġustament korrelattiv, il-kontribwenti li joperaw b'mod transfruntier x'aktarx li jbatu minn tassazzjoni doppja, sitwazzjoni li għandha tiġi evitata. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jwettqu aġġustamenti korrelattivi u għandhom jikkunsidraw li ma jillimitawx l-għoti ta' tali aġġustament fil-kuntest ta' proċeduri ta' ftehim reċiproku iżda wkoll, pereżempju, bħala riżultat ta' proċedura "rapida" meta ma jkun hemm l-ebda dubju li l-aġġustament primarju jkun fondat sew jew ta' awditjar konġunt.

F'xi każijiet, jista' jkun hemm raġunijiet leġittimi għaliex ma jingħatax aġġustament korrelattiv. L-Istati Membri ma għandhomx jingħataw aġġustamenti korrelattivi jekk: (i) l-aġġustament primarju ma jitqiesx li huwa konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament; (ii) l-aġġustament primarju ma jirriżultax fit-tassazzjoni ta' ammont ta' profitti f'ġuriżdizzjoni oħra li fuqhom l-intrapriża assoċjata fl-Istat Membru rilevanti tkun diġà ġiet soġġetta għat-taxxa;

(iii) meta tkun involuta ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz, ma jkun hemm l-ebda trattat kontra t-taxxa doppja stabbilit. Fin-nuqqas ta' aġġustament primarju, l-Istat Membru jista' jwettaq aġġustament 'l isfel biss jekk (i) l-aġġustament 'l isfel ikun konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament; (ii) ammont ugwali għall-aġġustament 'l isfel huwa inkluż fil-profitt tal-intrapriża assoċjata fil-ġuriżdizzjoni l-oħra; (iii) tkun intbagħtet komunikazzjoni dwar l-intenzjoni li jitwettaq l-aġġustament 'l isfel lill-ġuriżdizzjonijiet rilevanti. Dan għandu l-għan li jiżgura li l-Istati Membri jkunu jistgħu jippreżervaw is-sovranità tat-taxxa nazzjonali tagħhom u d-dritt li jivvalutaw jekk l-aġġustament primarju huwiex ta' distakkament u li la hemm tassazzjoni doppja u lanqas nuqqas doppju ta' tassazzjoni.

"Aġġustament kumpensatorju" huwa definit fil-Glossarju tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti bħala "aġġustament li fih il-kontribwent jirrapporta prezz ta' trasferiment għal finijiet ta' taxxa li huwa, fl-opinjoni tal-kontribwent, prezz ta' distakkament għal tranżazzjoni kkontrollata, minkejja li dan il-prezz ivarja mill-ammont effettivament mitlub bejn l-intrapriżi assoċjati". Madankollu, l-aġġustamenti kumpensatorji huma kawża ta' tassazzjoni doppja peress li għandhom it-tendenza li ma jiġux rikonoxxuti fil-ġuriżdizzjonijiet kollha minħabba li d-dikjarazzjoni tat-taxxa għandha tirrifletti t-tranżazzjonijiet effettivi. Sabiex tiġi evitata l-litigazzjoni u jiġi stabbilit approċċ komuni għall-aġġustament kumpensatorju fl-Unjoni, l-Artikolu 7 jipprovdi l-kundizzjonijiet li taħthom l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu aġġustament kumpensatorju. Din id-dispożizzjoni hija ispirata u għandha tiġi interpretata flimkien mar-rapport JTPF/009/FINAL/2013/EN[25] dwar l-aġġustamenti kumpensatorji approvat mill-Forum Konġunt dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment fl-2013.

### (ii) Elementi ewlenin komuni

*Delineazzjoni akkurata tar-relazzjonijiet kummerċjali u finanzjarji*

L-Artikolu 8 tad-Direttiva jipprevedi li l-eżiti tal-ipprezzar ta' trasferiment jridu jiġu ddeterminati f'konformità mal-imġiba reali tal-partijiet relatati fil-kuntest tat-termini kuntrattwali tat-tranżazzjoni. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, id-dispożizzjoni tirrikjedi delineazzjoni bir-reqqa tat-tranżazzjoni reali bejn l-intrapriżi assoċjati billi jiġu analizzati r-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet flimkien mal-imġiba tal-partijiet. F'dan ir-rigward, l-ewwel pass kritiku tal-analiżi tal-ipprezzar ta' trasferiment jrid ikun li jiġu ddefiniti b'mod akkurat it-tranżazzjonijiet bejn il-kumpaniji billi jiġu analizzati l-karatteristiċi ekonomikament rilevanti tagħhom, kif rifless mhux biss fil-kuntratti bejn il-partijiet, iżda wkoll fl-imġiba tagħhom u fi kwalunkwe fatt rilevanti ieħor. It-termini kuntrattwali għandhom ikunu l-punt tat-tluq għall-analiżi u sal-punt li l-imġiba jew fatti oħra jkunu inkonsistenti mal-kuntratt bil-miktub, l-imġiba tal-partijiet (aktar milli t-termini tal-kuntratt bil-miktub) għandha titqies bħala l-aħjar evidenza tat-tranżazzjoni(jiet) li fil-fatt titwettaq.

*Metodi tal-Ipprezzar tat-Trasferimenti*

F'konformità mal-Kapitolu III tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti, l-Artikolu 9 tal-proposta għal Direttiva jirreferi għall-metodi prinċipali li ġejjin tal-ipprezzar ta' trasferiment,

[25] Rapport tal-Forum Konġunt tal-UE dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment dwar l-aġġustamenti kumpensatorji (JTPF/009/FINAL/2013/EN): https://taxation-customs.ec.europa.eu/system/files/2016-09/jtpf_009_final_2013_en.pdf.

Il-"Metodu tal-Prezz Mhux Ikkontrollat Komparabbli" iqabbel il-prezz mitlub għall-proprjetà jew għas-servizzi ttrasferiti fi tranżazzjoni kkontrollata mal-prezz mitlub għall-proprjetà jew għas-servizzi ttrasferiti fi tranżazzjoni komparabbli mhux ikkontrollata f'ċirkostanzi komparabbli. Jekk ikun hemm xi differenza bejn iż-żewġ prezzijiet, dan jista' jindika li l-kundizzjonijiet tar-relazzjonijiet kummerċjali u finanzjarji tal-intrapriżi assoċjati ma jkunux ta' distakkament, u li l-prezz tat-tranżazzjoni kkontrollata jista' jkun jeħtieġ li jiġi ssostitwit bil-prezz tat-tranżazzjoni mhux ikkontrollata. Il-metodu tal-prezz mhux ikkontrollat komparabbli jista' jiġi applikat abbażi tat-tranżazzjonijiet tal-kontribwent ma' intrapriżi indipendenti (elementi komparabbli interni), jew abbażi ta' tranżazzjonijiet bejn intrapriżi indipendenti oħra (elementi komparabbli esterni). Għalkemm dan il-metodu huwa potenzjalment disponibbli għat-tipi kollha ta' tranżazzjonijiet, ir-rekwiżit tal-komparabbiltà tal-prodott li jkun jista' jiġi applikat b'mod raġonevolment affidabbli huwa partikolarment għoli, minħabba li kwalunkwe differenza fil-prodott tista' taffettwa materjalment il-prezz tat-tranżazzjoni filwaqt li spiss ma jkunx prattikabbli li jiġu ddeterminati aġġustamenti raġonevolment akkurati tal-komparabbiltà għal dawn id-differenzi fil-prodott.

Il-"Metodu tal-Prezz tal-Bejgħ mill-Ġdid" jibda bil-prezz li bih prodott li jkun inxtara minn intrapriża assoċjata jinbiegħ mill-ġdid lil intrapriża indipendenti. Dan il-prezz (il-"prezz għall-bejgħ mill-ġdid") imbagħad jitnaqqas b'marġni gross xieraq (il-"marġni tal-prezz għall-bejgħ mill-ġdid"), iddeterminat b'referenza għal marġini gross fi tranżazzjonijiet mhux ikkontrollati komparabbli, li jirrappreżenta l-ammont li minnu r-rivenditur ifittex li jkopri l-ispejjeż tal-bejgħ u spejjeż operatorji oħrajn tiegħu u, fid-dawl tal-funzjonijiet imwettqa (filwaqt li jitqiesu l-assi użati u r-riskji assunti), jagħmel profitt xieraq. Dak li jifdal wara li jitnaqqas il-marġni gross jista' jitqies, wara aġġustament għal kostijiet oħra assoċjati max-xiri tal-prodott (eż. dazji doganali), bħala prezz ta' distakkament għat-trasferiment oriġinali ta' proprjetà bejn l-intrapriżi assoċjati.

Il-"Metodu ta' Pprezzar fuq il-Bażi ta' Kost b'Addenda" jibda bil-kostijiet imġarrba mill-fornitur ta' proprjetà jew ta' servizzi fi tranżazzjoni kkontrollata għall-proprjetà trasferita jew għas-servizzi pprovduti lil intrapriża assoċjata. Marġni kummerċjali xieraq, iddeterminat b'referenza għall-marġni kummerċjali ggwadanjat mill-fornituri fi tranżazzjonijiet mhux kontrollati komparabbli, imbagħad jiżdied ma' dawn il-kostijiet, biex isir profitt xieraq fid-dawl tal-funzjonijiet imwettqa u l-kundizzjonijiet tas-suq. Dan il-marġni kummerċjali ta' distakkament jista' jiġi ddeterminat b'referenza għall-marġni kummerċjali li l-istess fornitur jaqla' fuq tranżazzjonijiet mhux kontrollati komparabbli (element komparabbli intern), jew b'referenza għall-marġni kummerċjali li intrapriża indipendenti kienet taqla' fuq tranżazzjonijiet komparabbli (element komparabbli estern). B'mod ġenerali, il-metodu ta' kost b'addenda se juża marġini kkalkolati wara l-kostijiet diretti u indiretti tal-produzzjoni jew tal-provvista, iżda qabel l-ispejjeż operatorji tal-intrapriża (eż. spejjeż ġenerali).

Il-"Metodu tal-Marġni Nett Tranżazzjonali" iqabbel il-marġni tal-profitt nett meta mqabbel ma' bażi xierqa (eż. kostijiet, bejgħ, assi) li kontribwent jaqla' minn tranżazzjoni kkontrollata (jew minn tranżazzjonijiet li huma xierqa biex jiġu aggregati u meqjusa flimkien) mal-marġni tal-profitt nett miksub minn tranżazzjonijiet mhux ikkontrollati komparabbli. Il-marġni nett ta' distakkament tal-kontribwent mit-tranżazzjoni(jiet) ikkontrollati jista' jiġi ddeterminat b'referenza għall-marġni nett li l-istess kontribwent jaqla' fuq tranżazzjonijiet mhux ikkontrollati komparabbli (elementi komparabbli interni), jew b'referenza għall-marġni nett miksub fuq tranżazzjonijiet komparabbli minn intrapriża indipendenti (elementi komparabbli esterni). F'każijiet li fihom il-marġni tal-profitt nett jitqabbel mal-kostijiet jew mal-bejgħ, il-metodu tal-marġni nett tranżazzjonali jopera b'mod simili għall-metodi tal-kost b'addenda u tal-prezz tal-bejgħ mill-ġdid rispettivament, ħlief li jqabbel il-marġnijiet tal-profitt netti li

jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ikkontrollati u mhux ikkontrollati (wara li jitnaqqsu l-ispejjeż operatorji rilevanti) minflok ma jqabbel il-marġni gross fuq il-bejgħ mill-ġdid jew il-marġni kummerċjali gross fuq il-kostijiet. Il-komparabbiltà funzjonali hija ġeneralment ta' importanza akbar mill-komparabbiltà tal-prodott fl-applikazzjoni tal-metodu tal-marġni nett tranżazzjonali.

Il-"Metodu tat-Tqassim tal-Profitt" jidentifika l-profitt ikkombinat mit-tranżazzjonijiet ikkontrollati li huma involuti fihom l-intrapriżi assoċjati u mbagħad jaqsam dak il-profitt bejn l-intrapriżi assoċjati fuq bażi ekonomikament valida bl-għan li tiġi approssimata d-diviżjoni tal-profitti li kienet tiġi miftiehma b'mod distakkat bejn intrapriżi indipendenti. Din il-bażi ekonomikament valida tista' tiġi appoġġata minn *data* indipendenti tas-suq (eż. ftehimiet ta' impriżi konġunti mhux ikkontrollati) jew minn *data* interna. It-tipi ta' din id-*data* interna li huma rilevanti biex jinqasam il-profitt ikkombinat bejn l-intrapriżi assoċjati ("fattur(i) ta' tqassim") se jiddependu mill-fatti u miċ-ċirkostanzi tal-każ u jistgħu jinkludu, pereżempju, kjavi ta' allokazzjoni relatati mal-ispejjeż tal-bejgħ, tar-riċerka u tal-iżvilupp rispettivi, l-ispejjeż operatorji, l-assi jew in-numri ta' persunal tal-intrapriżi assoċjati. Il-fattur(i) ta' tqassim għandu jirrifletti l-kontribuzzjonijiet rispettivi tal-partijiet għall-ħolqien ta' introjtu mit-tranżazzjoni kkontrollata u jkun raġonevolment indipendenti mill-formulazzjoni tal-ipprezzar ta' trasferiment (jiġifieri għandu jkun ibbażat fuq *data* oġġettiva (bħall-bejgħ lil partijiet mhux relatati), mhux fuq *data* relatata mar-remunerazzjoni ta' tranżazzjonijiet ikkontrollati (bħall-bejgħ lil intrapriżi assoċjati).

Il-profitt ikkombinat jista' jinqasam bejn l-intrapriżi assoċjati abbażi ta' analiżi residwa jew tal-kontribuzzjoni.

Fl-analiżi residwa, fl-ewwel pass il-profitti ta' rutina attribwibbli għall-kontribuzzjonijiet li jistgħu jiġu mkejla b'mod affidabbli, jiġifieri tipikament kontribuzzjonijiet inqas kumplessi li għalihom jistgħu jinstabu elementi komparabbli affidabbli, jiġu identifikati u attribwiti lill-intrapriżi assoċjati. Normalment, din ir-remunerazzjoni inizjali tiġi ddeterminata bl-applikazzjoni ta' wieħed mill-metodi tradizzjonali ta' tranżazzjoni jew metodu ta' marġni nett tranżazzjonali biex tiġi identifikata r-remunerazzjoni ta' tranżazzjonijiet komparabbli bejn intrapriżi indipendenti. Għalhekk, ġeneralment ma tkunx tinkludi r-redditu li jiġi ġġenerat mit-tieni kategorija ta' kontribuzzjonijiet li jistgħu jkunu uniċi u siewja, u/jew li huma attribwibbli għal livell għoli ta' integrazzjoni jew is-suppożizzjoni kondiviża ta' riskji ekonomikament sinifikanti. Fit-tieni pass, kwalunkwe profitt (jew telf) residwu li jifdal wara li jitqiesu l-profitti attribwibbli għall-ewwel kategorija ta' kontribuzzjonijiet ikun ibbażat fuq analiżi tal-valur relattiv tat-tieni kategorija ta' kontribuzzjonijiet mill-partijiet.

Fl-analiżi tal-kontribuzzjoni, b'mod differenti minn dak fl-analiżi residwa, il-profitt ikkombinat huwa diviż bejn l-intrapriżi assoċjati kollu f'daqqa abbażi tal-valur relattiv tal-kontribuzzjonijiet magħmula minn kull waħda mill-intrapriżi assoċjati li jipparteċipaw fit-tranżazzjoni kkontrollata.

Din il-proposta ma tippromwovi l-ebda preferenza għal xi wieħed mill-metodi rikonoxxuti tal-ipprezzar ta' trasferiment msemmija hawn fuq. Ir-regola prevista fl-Artikolu 10 trid tiġi applikata u għalhekk irid jintgħażel l-aktar metodu xieraq filwaqt li jitqiesu l-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ speċifiku.

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 9 jipprevedi wkoll li metodu ta' pprezzar ta' trasferiment għajr il-metodi approvati previsti fil-paragrafu 1 jista' jiġi applikat biss meta jkun jista' jintwera li (i) l-ebda wieħed mill-metodi approvati ma jista' jiġi applikat b'mod raġonevoli biex jiġu

ddeterminati l-kundizzjonijiet ta' distakkament għat-tranżazzjoni kkontrollata, u (ii) tali metodu ieħor jipproduċi riżultat konsistenti ma' dak li jinkiseb minn intrapriżi indipendenti involuti fi tranżazzjonijiet mhux ikkontrollati komparabbli f'ċirkostanzi komparabbli. Il-kontribwent jew l-amministrazzjoni tat-taxxa li tasserixxi l-użu ta' metodu għajr il-metodi approvati li jinsabu fil-paragrafu 1 għandha ġġorr il-piż li turi li r-rekwiżiti tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 9 ġew issodisfati.

Meta l-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafu 2 jiġu ssodisfati u tiġi applikata teknika ta' valwazzjoni ekonomika sabiex jiġi identifikat il-prezz ta' distakkament, il-kontenut u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport JTPF/003/2017/FINAL/EN[26] dwar l-użu ta' tekniki ta' valwazzjoni ekonomika fl-ipprezzar ta' trasferiment approvat mill-Forum Konġunt dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment fl-2017 għandhom jitqiesu kif xieraq. Ir-rapport jipprovdi deskrizzjoni komprensiva tat-tekniki ta' valwazzjoni u l-elementi speċifiċi li għandhom jitqiesu meta jintużaw dawk għall-finijiet tal-ipprezzar ta' trasferiment.

*Għażla tal-aktar Metodu xieraq*

L-Artikolu 10 tad-Direttiva jipprevedi li l-għażla ta' metodu tal-ipprezzar ta' trasferiment dejjem irid ikollha l-għan li ssib l-aktar metodu xieraq għal każ partikolari.

Għal dan il-għan, il-proċess tal-għażla għandu jqis il-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet rispettivi tal-metodi tal-ipprezzar ta' trasferiment; l-adegwatezza tal-metodu kkunsidrat fid-dawl tan-natura tat-tranżazzjoni kkontrollata, iddeterminata b'mod partikolari permezz ta' analiżi funzjonali; id-disponibbiltà ta' informazzjoni affidabbli (b'mod partikolari dwar elementi komparabbli mhux ikkontrollati) meħtieġa biex jiġi applikat il-metodu magħżul u/jew metodi oħra; u l-grad ta' komparabbiltà bejn tranżazzjonijiet ikkontrollati u mhux ikkontrollati, inkluża l-affidabbiltà tal-aġġustamenti ta' komparabbiltà li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġu eliminati d-differenzi materjali bejniethom. L-ebda metodu partikolari ma huwa adatt f'kull sitwazzjoni possibbli, u lanqas ma huwa meħtieġ li jiġi ppruvat li metodu partikolari ma huwiex xieraq fiċ-ċirkostanzi.

B'mod ġenerali, il-metodu tal-Prezz Mhux Ikkontrollat Komparabbli huwa metodu xieraq biex jiġi stabbilit il-prezz ta' distakkament għal a) bejgħ ta' komoditajiet innegozjati fis-suq, soġġett għat-tranżazzjoni kkontrollata u għal tranżazzjoni(jiet) mhux ikkontrollati komparabbli li jseħħu f'ċirkostanzi komparabbli, inkluż fl-istess livell tal-katina kummerċjali (eż. bejgħ lil manifattur sekondarju, lil distributur, lil bejjiegħ bl-imnut, eċċ.), u b) xi tranżazzjonijiet finanzjarji komuni, bħas-self ta' flus. Il-prezzijiet tas-suq (bħall-prezzijiet tal-komoditajiet jew ir-rati tal-imgħax) jistgħu jkunu disponibbli għall-pubbliku għal dawn it-tipi ta' tranżazzjonijiet.

Il-metodu tal-Prezz tal-Bejgħ mill-Ġdid huwa l-aktar utli fejn jiġi applikat għal operazzjonijiet ta' bejgħ u kummerċjalizzazzjoni bħal dawk tipikament imwettqa minn distributur. F'xi ċirkostanzi, il-marġni tal-prezz għall-bejgħ mill-ġdid tar-rivenditur fit-tranżazzjoni kkontrollata jista' jiġi ddeterminat b'referenza għall-marġni tal-prezz għall-bejgħ mill-ġdid li l-istess rivenditur jaqla' fuq oġġetti mixtrija u mibjugħa fi tranżazzjonijiet mhux ikkontrollati komparabbli (element komparabbli intern). F'ċirkostanzi oħra, il-marġni tal-prezz għall-bejgħ mill-ġdid jista' jiġi ddeterminat b'referenza għall-marġni tal-prezz għall-bejgħ mill-ġdid li

26 Rapport tal-Forum Konġunt tal-UE dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment dwar l-użu ta' tekniki ta' valwazzjoni ekonomika fl-ipprezzar ta' trasferiment (JTPF/003/2017/FINAL/EN): https://taxation-customs.ec.europa.eu/system/files/2017-10/2017_10_16_jtpf_003_2017_en_final_en.pdf.

jaqilgħu intrapriżi indipendenti fi tranżazzjonijiet mhux ikkontrollati komparabbli (elementi komparabbli esterni).

Il-metodu tal-Kost b'Addenda huwa l-aktar utli meta a) l-oġġetti jinbiegħu minn manifattur li ma jikkontribwixxi l-ebda assi intanġibbli uniku ta' valur jew ma jassumi l-ebda riskju mhux tas-soltu fit-tranżazzjoni kkontrollata, bħal kif jista' jkun il-każ taħt kuntratt jew ftehim ta' tolling; jew b) meta t-tranżazzjoni kkontrollata tkun il-forniment ta' servizzi li għalihom il-fornitur ma jikkontribwixxi l-ebda assi intanġibbli uniku ta' valur jew ma jassumi l-ebda riskju mhux tas-soltu.

Il-metodu tal-marġni nett tranżazzjonali jopera b'mod simili għall-metodi tal-kost b'addenda u tal-prezz tal-bejgħ mill-ġdid rispettivament, ħlief li jqabbel il-marġnijiet tal-profitt nett u huwa utli meta ma jkun hemm l-ebda informazzjoni affidabbli dwar il-marġni gross disponibbli pubblikament, jew informazzjoni limitata biss, dwar partijiet terzi u bħala konsegwenza, huwa diffiċli li jiġu applikati l-metodi tat-tranżazzjoni tradizzjonali preċedenti. B'mod ġenerali, huwa osservat li l-indikaturi tal-marġni tal-profitt nett ibbażati fuq il-kost jintużaw għall-attivitajiet ta' manifattura u ta' servizz; l-indikaturi bbażati fuq il-bejgħ jintużaw għall-attivitajiet ta' bejgħ; u l-indikaturi bbażati fuq l-assi jintużaw għal attivitajiet b'intensità ta' assi. Fi kwalunkwe każ, l-indikatur finanzjarju magħżul għandu jkun wieħed li: (i) jirrifletti l-valur tal-funzjonijiet imwettqa mill-parti ttestjata (jiġifieri l-parti għat-tranżazzjoni kkontrollata li għaliha jiġi ttestjat indikatur finanzjarju), filwaqt li jitqiesu l-assi u r-riskji tagħha; (ii) ikun raġonevolment indipendenti mill-formulazzjoni tal-ipprezzar ta' trasferiment, jiġifieri għandu jkun ibbażat fuq *data* oġġettiva (bħall-bejgħ lil partijiet mhux relatati), mhux fuq *data* relatata mar-remunerazzjoni ta' tranżazzjonijiet ikkontrollati (bħall-bejgħ lil intrapriżi assoċjati); u (iii) huwa kapaċi jitkejjel b'mod raġonevolment affidabbli u konsistenti fil-livell tat-tranżazzjoni kkontrollata u tat-tranżazzjoni(jiet) mhux ikkontrollata komparabbli.

Il-metodi unilaterali (Prezz għall-Bejgħ mill-Ġdid, Kost b'Addenda, Metodu tal-Marġni Nett Tranżazzjonali) ma humiex affidabbli jekk kull parti fi tranżazzjoni tagħmel kontribuzzjonijiet uniċi u siewja fir-rigward tat-tranżazzjoni kkontrollata, jew meta l-partijiet jinvolvu ruħhom f'attivitajiet integrati ħafna. F'każ bħal dan, il-metodu tat-tqassim tal-profitt huwa l-aktar metodu xieraq, peress li partijiet indipendenti jistgħu effettivament jipprezzaw it-tranżazzjoni b'mod proporzjonali għall-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom, u b'hekk jagħmlu metodu bidirezzjonali aktar xieraq. Barra minn hekk, peress li dawk il-kontribuzzjonijiet huma uniċi u siewja, mhux se jkun hemm informazzjoni affidabbli dwar l-elementi komparabbli li tista' tintuża biex it-tranżazzjoni tiġi pprezzata b'mod aktar affidabbli, permezz tal-applikazzjoni ta' metodu ieħor.

Il-metodi unilaterali huma xierqa f'każijiet li fihom waħda mill-partijiet tagħmel il-kontribuzzjonijiet uniċi u siewja kollha involuti fit-tranżazzjoni kkontrollata, filwaqt li l-parti l-oħra ma tagħmel l-ebda kontribuzzjoni unika u siewja. F'każ bħal dan, il-parti ttestjata għandha tkun dik li għaliha jista' jiġi applikat metodu tal-ipprezzar ta' trasferiment bl-aktar mod affidabbli u li għaliha jistgħu jinstabu l-aktar elementi komparabbli affidabbli. Il-parti li ma tagħmel l-ebda kontribuzzjoni unika u siewja fir-rigward tat-tranżazzjoni ħafna drabi tkun dik li għaliha jista' jiġi applikat metodu unilaterali ta' pprezzar ta' trasferiment bl-aktar mod affidabbli.

*Analiżi tal-Komparabbiltà*

L-analiżi tal-komparabbiltà hija l-pedament għall-applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament.

Sabiex jiġi applikat il-prinċipju ta' distakkament, huwa meħtieġ li titwettaq analiżi tal-komparabbiltà, li ġeneralment tikkonsisti f'żewġ aspetti ewlenin: (i) l-identifikazzjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji bejn l-intrapriżi assoċjati u l-kundizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi ekonomikament rilevanti marbuta ma' dawk ir-relazzjonijiet; u (ii) it-tqabbil tal-kundizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi ekonomikament rilevanti tat-tranżazzjonijiet bejn intrapriżi assoċjati (tranżazzjonijiet ikkontrollati) ma' dawk ta' tranżazzjonijiet komparabbli bejn intrapriżi indipendenti (tranżazzjonijiet mhux ikkontrollati komparabbli).

Fir-rigward tal-ewwel aspett, l-Artikolu 11 jipprovdi l-fatturi ta' komparabbiltà li l-Istati Membri għandhom iqisu meta jidentifikaw iċ-ċirkostanzi ta' tranżazzjoni kkontrollata. Dawn il-fatturi huma t-termini kuntrattwali tat-tranżazzjoni, l-analiżi funzjonali (il-funzjonijiet li twettaq kull intrapriża, filwaqt li jitqiesu l-assi użati u r-riskji assunti), il-karatteristiċi tal-prodott jew tas-servizz li huwa l-oġġett ta' tranżazzjoni, iċ-ċirkostanzi ekonomiċi, u l-istrateġiji tan-negozju. Ladarba jkunu ġew stabbiliti ċ-ċirkostanzi tat-tranżazzjoni kkontrollata, iridu jsiru t-tqabbil u l-valutazzjoni effettiva ta' jekk it-tranżazzjoni hijiex fuq il-bażi tal-prinċipju ta' distakkament. Għal dan, huwa meħtieġ li jiġi identifikat liema kobor se jkun l-oġġett ta' tqabbil (jiġifieri jrid jintgħażel metodu tal-ipprezzar ta' trasferiment); u ma' xiex se jitqabbel (jiġifieri għandha tiġi identifikata tranżazzjoni komparabbli potenzjali mhux ikkontrollata).

It-tranżazzjoni kkontrollata u t-tranżazzjoni mhux ikkontrollata jitqiesu bħala komparabbli jekk il-karatteristiċi ekonomikament rilevanti taż-żewġ tranżazzjonijiet u ċ-ċirkostanzi marbuta magħhom ikunu simili biżżejjed biex jipprovdu miżura affidabbli ta' riżultat ta' distakkament.

Iż-żewġ tranżazzjonijiet ma jridux ikunu neċessarjament identiċi biex ikunu komparabbli. Minflok, l-ebda differenza bejniethom ma għandha taffettwa materjalment il-prezz jew il-profitt ta' distakkament; meta jeżistu differenzi materjali bħal dawn, għandu jsiru aġġustamenti raġonevolment akkurati biex jiġi eliminat l-effett tagħhom.

Dawn l-aġġustamenti (li jissejħu "aġġustamenti ta' komparabbiltà") għandhom isiru biss jekk l-effett tad-differenzi materjali fuq il-prezz jew il-profitti jkun jista' jiġi aċċertat b'biżżejjed akkuratezza biex tittejjeb l-affidabbiltà tar-riżultati.

L-Artikolu 11 jispeċifika wkoll li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfittxija għal tranżazzjonijiet mhux ikkontrollati komparabbli tkun ibbażata fuq prinċipju ta' trasparenza. Dan ifisser li l-kontribwenti għandhom jiġġustifikaw u jiddokumentaw il-passi tat-tfittxijiet *vis-à-vis* l-amministrazzjoni tat-taxxa, u, b'mod simetriku, li l-amministrazzjoni tat-taxxa għandha tipprovdi l-informazzjoni rilevanti għal dawn il-passi lill-kontribwent, meta tħejji jew tikkontesta tali tfittxijiet.

Fit-tfittxija għal tranżazzjonijiet mhux ikkontrollati komparabbli, ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-rapport JTPF/007/2016/FINAL/EN[27] dwar l-użu ta' elementi komparabbli fl-UE approvat mill-Forum Konġunt dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment fl-2016 għandhom jitqiesu kif xieraq.

*L-istabbiliment tal-medda tad-distakkament*

[27] EU Joint Transfer Pricing Forum Report on the use of comparables in the EU (JTPF/007/2016/FINAL/EN): https://taxation-customs.ec.europa.eu/system/files/2017-04/jtpf0072017encomps.pdf.

F'xi każijiet, l-applikazzjoni ta' metodu ta' pprezzar se tipproduċi riżultat uniku li huwa l-aktar kejl affidabbli ta' riżultat ta' distakkament. F'każijiet oħra, l-applikazzjoni ta' metodu tista' tipproduċi għadd ta' riżultati li minnhom tista' tiġi derivata medda ta' riżultati affidabbli. F'konformità mal-aħjar prattiki internazzjonali, l-Artikolu 12 jippreskrivi li meta l-applikazzjoni tal-aktar metodu xieraq tipproduċi medda ta' ċifri, il-medda tad-distakkament trid tiġi ddeterminata bl-użu tal-medda interkwartali. Il-medda interkwartali hija l-medda mill-25 sal-75 perċentil tar-riżultati derivati mill-elementi mhux ikkontrollati komparabbli.

Sabiex jiġi mminimizzat it-tilwim u jiġi żgurat approċċ komuni madwar l-Unjoni, id-dispożizzjoni tippreskrivi wkoll li (i) kontribwent ma għandux ikun soġġett għal aġġustament meta r-riżultati tiegħu jaqgħu fil-medda interkwartali sakemm l-amministrazzjoni tat-taxxa jew il-kontribwent ma jagħtux prova li pożizzjonament differenti speċifiku fil-medda huwa ġġustifikat mill-fatti u miċ-ċirkostanzi tal-każ speċifiku; (ii) meta r-riżultati ta' tranżazzjoni kkontrollata jaqgħu barra mill-medda tad-distakkament, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jeħtiġilhom jagħmlu aġġustament għall-medjan tar-riżultati kollha sakemm il-kontribwent jew l-amministrazzjoni tat-taxxa ma jagħtux prova li kwalunkwe punt ieħor tal-medda jiddetermina prezz ta' distakkament aktar affidabbli fil-każ speċifiku inkwistjoni.

*Dokumentazzjoni dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti*

Element ewlieni ta' konformità għall-ipprezzar ta' trasferiment huwa d-dokumentazzjoni li turi li t-tranżazzjonijiet rilevanti huma pprezzati f'konformità mal-prinċipju ta' distakkament. L-Anness 2 juri l-elementi bażiċi għar-regoli dwar id-dokumentazzjoni u se jiġi speċifikat ulterjorment, aktar tard mill-Kummissjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13, biex possibbilment jiżdiedu elementi bħal mudelli standard li jistabbilixxu t-tip u l-kontenut tal-informazzjoni dwar l-ipprezzar ta' trasferiment, il-perjodi ta' żmien li għandhom jiġu koperti, ir-rekwiżiti lingwistiċi u l-kontribwenti fl-ambitu tal-obbligu tad-dokumentazzjoni.

**(iii) Applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament u regoli komuni futuri dwar suġġetti speċifiċi**

Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni komuni tal-prinċipju ta' distakkament, l-aħħar verżjoni tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti se tkun vinkolanti meta jiġi applikat il-prinċipju ta' distakkament fl-Istati Membri. Peress li l-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti se jiġu emendati minn żmien għal żmien, dawn il-linji gwida l-ġodda għandhom ikunu l-qafas ta' referenza vinkolanti l-ġdid. Sabiex tiġi żgurata l-konformità ma' dawn il-linji gwida l-ġodda fl-Istati Membri, għandha tkun applikabbli l-proċedura skont l-Artikolu 218, il-paragrafu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tipproponi wkoll emenda għal din id-Direttiva sabiex tirrifletti emenda tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti

Sabiex jintlaħaq l-objettiv li tinħoloq aktar ċertezza għall-kontribwenti, huwa propost li jiġu stabbiliti aktar regoli vinkolanti komuni fil-qasam tal-ipprezzar ta' trasferiment permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni se jipprovdu lill-kontribwenti b'perspettiva ċara ta' dak li l-awtoritajiet tat-taxxa fl-Unjoni jikkunsidraw aċċettabbli li jintuża għal tranżazzjonijiet speċifikati u jipprovdu wkoll l-hekk imsejħa portijiet sikuri li se jnaqqsu l-piż tal-konformità u l-ammont ta' tilwim.

Fid-dawl tan-natura sensittiva ta' tali miżuri li jittrattaw is-setgħat eżekuttivi u ta' infurzar nazzjonali fir-rigward tat-tassazzjoni diretta, l-eżerċitar tad-drittijiet ta' tassazzjoni allokati skont konvenzjonijiet tat-taxxa bilaterali jew multilaterali li jipprevjenu t-tassazzjoni doppja jew in-nuqqas ta' tassazzjoni doppju u minħabba r-ramifikazzjonijiet finanzjarji potenzjali fuq

il-bażijiet tat-taxxa tal-Istati Membri, il-Kunsill għandu jingħata setgħat ta' implimentazzjoni għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet skont din id-Direttiva, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.

2023/0322 (CNS)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**dwar l-ipprezzar ta' trasferiment**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 115 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[28],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[29],

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) L-ipprezzar ta' trasferiment jirreferi għall-iffissar tal-prezzijiet għal tranżazzjonijiet transfruntieri bejn intrapriżi assoċjati fi grupp MNE. Peress li l-kalkoli tat-taxxa huma ġeneralment ibbażati fuq kontijiet fil-livell tal-entità, il-prezzijiet jew kundizzjonijiet oħra li fihom iseħħu tranżazzjonijiet transfruntieri bejn intrapriżi assoċjati se jaffettwaw l-introjtu u/jew l-ispejjeż tal-entitajiet rilevanti fir-rigward ta' dawk it-tranżazzjonijiet, u b'konsegwenza ta' dan, se jkollhom impatt fuq l-ammont ta' profitt li kull entità fi grupp tirreġistra għall-finijiet tat-taxxa fil-ġuriżdizzjonijiet fejn topera.

(2) L-istandard rikonoxxut globalment għad-determinazzjoni tal-prezzijiet bejn l-intrapriżi assoċjati għall-finijiet tat-taxxa huwa l-hekk imsejjaħ "prinċipju ta' distakkament". Il-prinċipju ta' distakkament jippreskrivi li membri individwali tal-grupp ta' MNE jridu jinnegozjaw ma' xulxin daqslikieku kienu partijiet terzi indipendenti. Fi kliem ieħor, it-tranżazzjonijiet bejn żewġ intrapriżi assoċjati jenħtieġ li jirriflettu l-eżitu li kien jinkiseb kieku l-partijiet ma kinux relatati, jiġifieri li kieku l-partijiet kienu indipendenti minn xulxin u l-eżitu (prezz jew marġini) kien iddeterminat minn forzi tas-suq (miftuħ).

(3) Meta l-Istati Membri japplikaw jew jinterpretaw il-prinċipju ta' distakkament b'mod differenti, dawn joħolqu sitwazzjonijiet li jistgħu jagħmlu ħsara lis-suq intern. L-inkonsistenza fir-regoli applikabbli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment mhux biss tista' twassal għal tassazzjoni doppja iżda tippermetti wkoll trasferiment tal-profitti u evitar tat-taxxa. Tali inkonsistenza hija ostaklu serju għat-taxxa fil-każ tan-negozji li joperaw bejn il-fruntieri, x'aktarx li tikkawża distorsjonijiet u ineffiċjenzi ekonomiċi u għandha impatt negattiv fuq l-investiment u t-tkabbir transfruntier.

[28] ĠU C , , p. .
[29] ĠU C , , p. .

(4) Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli biex tiġi żgurata applikazzjoni komuni tal-prinċipju ta' distakkament madwar l-Unjoni bil-għan li tiżdied iċ-ċertezza tat-taxxa u jitnaqqsu l-okkorrenzi tat-tassazzjoni doppja kif ukoll tan-nontassazzjoni doppja.

(5) Sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju ta' distakkament jiġi applikat b'mod uniformi madwar l-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw definizzjoni komuni ta' intrapriżi assoċjati. Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali, l-istabbiliment permanenti jenħtieġ li jiġi ttrattat, għall-finijiet ta' din id-Direttiva, bħala intrapriża assoċjata u b'hekk in-negozjati interni bejn l-uffiċċju prinċipali u l-istabbiliment permanenti jenħtieġ li jiġu ddeterminati f'konformità mal-prinċipju ta' distakkament.

(6) Sabiex tiġi żgurata l-mitigazzjoni tat-tassazzjoni doppja, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom stabbiliti mekkaniżmi adegwati biex ikunu jistgħu, meta jsir aġġustament primarju fi Stat Membru ieħor jew f'ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz, jagħmlu aġġustament korrelattiv. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jwettqu aġġustamenti korrelattivi u jenħtieġ li ma jillimitawx l-għoti ta' tali aġġustament fil-kuntest ta' proċeduri ta' ftehim reċiproku (MAPs) iżda wkoll bħala riżultat ta': (i) proċedura "rapida" li għandha tiġi konkluża fi żmien 180 jum mingħajr il-ħtieġa li tinfetaħ MAP meta ma jkun hemm l-ebda dubju li l-aġġustament primarju jkun fondat sew; jew (ii) awditi konġunti jew forom oħra ta' kooperazzjoni internazzjonali bħal programmi multilaterali ta' valutazzjoni tar-riskju bħall-Approċċ Ewropew ta' Fiduċja u Kooperazzjoni (ETACA) u l-Programm Internazzjonali ta' Assigurazzjoni tal-Konformità (ICAP).

(7) Jista' jkun hemm raġunijiet leġittimi għaliex aġġustament korrelattiv ma jingħatax jew ikun inqas mill-aġġustament primarju. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jagħtux aġġustamenti korrelattivi jekk: (i) l-aġġustament primarju ma jitqiesx li huwa konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament; (ii) l-aġġustament primarju ma jirriżultax fit-tassazzjoni ta' ammont ta' profitti f'ġuriżdizzjoni oħra li fuqhom l-intrapriża assoċjata fl-Istat Membru rilevanti tkun diġà ġiet soġġetta għat-taxxa; u (iii) meta tkun involuta ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz, ma jkun hemm l-ebda trattat dwar it-taxxa stabbilit. Fin-nuqqas ta' aġġustament primarju, l-Istati Membri jistgħu jwettqu aġġustament 'l isfel biss jekk: (i) l-aġġustament 'l isfel huwa konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament: (ii) ammont ugwali għall-aġġustament 'l isfel huwa inkluż fil-profitt tal-intrapriża assoċjata fil-ġuriżdizzjoni l-oħra u hemmhekk ikun soġġett għat-taxxa: u (iii) intbagħtet komunikazzjoni dwar l-intenzjoni li jitwettaq aġġustament 'l isfel lill-ġuriżdizzjoni rilevanti. L-għan tad-dispożizzjonijiet preċedenti huwa li jiġi żgurat li: (i) l-Istati Membri jkunu jistgħu jippreżervaw id-dritt li jivvalutaw jekk l-aġġustament primarju huwiex fuq bażi distakkata; u (ii) la hemm tassazzjoni doppja u lanqas nuqqas ta' tassazzjoni doppju. L-Istati Membri jenħtieġ li ma joħolqux sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' tassazzjoni doppju.

(8) Sabiex jiġi stabbilit approċċ komuni għall-aġġustamenti kumpensatorji fl-Unjoni u biex tiġi evitata l-litigazzjoni, din id-Direttiva tipprovdi l-kundizzjonijiet li taħthom l-Istati Membri jenħtieġ li jirrikonoxxu aġġustament kumpensatorju. Din id-dispożizzjoni jenħtieġ li tiġi interpretata flimkien mar-Rapport tal-Forum Konġunt tal-UE dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment tal-2013 tal-Kummissjoni dwar l-aġġustamenti kumpensatorji[30].

[30] JTPF/009/FINAL/2013/EN, Laqgħa tal-5 ta' Novembru 2013: https://taxation-customs.ec.europa.eu/system/files/2016-09/jtpf_009_final_2013_en.pdf

(9) Sabiex jiġi żgurat li r-riżultati tal-ipprezzar ta' trasferiment jiġu ddeterminati f'konformità mal-imġiba reali tal-partijiet relatati, din id-Direttiva tirrikjedi delineazzjoni bir-reqqa tat-tranżazzjoni reali bejn l-intrapriżi assoċjati billi jiġu analizzati r-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet flimkien mal-imġiba tal-partijiet. F'dan ir-rigward, l-ewwel pass kritiku tal-analiżi tal-ipprezzar ta' trasferiment jenħtieġ li jkun li jiġu ddefiniti b'mod akkurat it-tranżazzjonijiet bejn il-kumpaniji billi jiġu analizzati l-karatteristiċi ekonomikament rilevanti tagħhom, kif rifless mhux biss fil-kuntratti bejn il-partijiet, iżda wkoll fl-imġiba tagħhom u fi kwalunkwe fatt rilevanti ieħor. It-termini kuntrattwali jenħtieġ li jkunu l-punt tat-tluq għall-analiżi u, sa fejn l-imġiba jew fatti oħra jkunu inkonsistenti mal-kuntratt bil-miktub, l-imġiba tal-partijiet (aktar milli t-termini tal-kuntratt bil-miktub) jenħtieġ li tittieħed bħala l-aħjar evidenza tat-tranżazzjoni(jiet) li fil-fatt tkun saret.

(10) Il-metodi tal-ipprezzar ta' trasferiment jintużaw biex jiġu stabbiliti l-prezzijiet ta' distakkament għat-tranżazzjonijiet bejn intrapriżi assoċjati. Il-metodi elenkati f'din id-Direttiva huma konformi mal-Kapitolu III tal-Linji Gwida dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti għall-Intrapriżi Multinazzjonali u għall-Amministrazzjonijiet tat-Taxxa 2022 tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) ("Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti"). Din id-Direttiva ma għandha l-ebda preferenza għal xi wieħed minn dawn il-metodi rikonoxxuti ta' pprezzar ta' trasferiment. Minflok, jenħtieġ li tiġi applikata r-regola tal-metodu l-aktar xieraq prevista f'din id-Direttiva u għalhekk jenħtieġ li jintgħażel l-aktar metodu xieraq filwaqt li jitqiesu l-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ speċifiku. Din id-Direttiva tipprevedi wkoll li metodu ta' pprezzar ta' trasferiment għajr il-metodi rikonoxxuti tal-OECD jista' jiġi applikat biss fejn ikun jista' jintwera li: (i) l-ebda metodu rikonoxxut tal-OECD ma jista' jiġi applikat b'mod raġonevoli biex jiġu ddeterminati l-kundizzjonijiet ta' distakkament għat-tranżazzjoni kkontrollata (jiġifieri t-tranżazzjoni bejn intrapriżi assoċjati); u (ii) dan il-metodu l-ieħor jipproduċi riżultat konsistenti mar-riżultat li jinkiseb minn intrapriżi indipendenti involuti fi tranżazzjonijiet mhux ikkontrollati komparabbli f'ċirkostanzi komparabbli. Il-kontribwent, jew l-amministrazzjoni tat-taxxa, li jużaw metodu ieħor għajr wieħed mill-metodi rikonoxxuti tal-OECD jenħtieġ li jerfgħu l-piż li juru li r-rekwiżiti ġew issodisfati. Meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet u tiġi applikata teknika ta' valwazzjoni ekonomika biex jiġi identifikat il-prezz ta' distakkament, jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq il-kontenut u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport tal-Forum Konġunt tal-UE dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment tal-Kummissjoni għall-2017 dwar l-użu ta' tekniki ta' valwazzjoni ekonomika fl-ipprezzar ta' trasferiment[31].

(11) L-għażla tal-metodu tal-ipprezzar ta' trasferiment jenħtieġ li dejjem ikollha l-għan li ssib l-aktar metodu xieraq għal każ partikolari. Il-proċess tal-għażla tal-metodu l-aktar xieraq tal-ipprezzar ta' trasferiment jenħtieġ li jqis (i) il-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet rispettivi tal-metodi tal-ipprezzar ta' trasferiment; (ii) l-adegwatezza tal-metodu kkunsidrat fid-dawl tan-natura tat-tranżazzjoni kkontrollata, iddeterminata b'mod partikolari permezz ta' analiżi funzjonali; (iii) id-disponibbiltà ta' informazzjoni affidabbli (b'mod partikolari dwar elementi mhux ikkontrollati komparabbli) meħtieġa biex jiġi applikat il-metodu magħżul jew metodi oħra; u (iv) il-grad ta' komparabbiltà bejn tranżazzjonijiet ikkontrollati u mhux ikkontrollati, inkluża

[31] JTPF/003/2017/FINAL/EN, Laqgħa tat-22 ta' Ġunju 2017: https://taxation-customs.ec.europa.eu/system/files/2017-10/2017_10_16_jtpf_003_2017_en_final_en.pdf

l-affidabbiltà tal-aġġustamenti tal-komparabbiltà li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġu eliminati d-differenzi materjali bejniethom. L-ebda metodu partikolari ma huwa adattat f'kull sitwazzjoni possibbli, u lanqas ma huwa meħtieġ li jiġi ppruvat li metodu partikolari ma huwiex adatt f'sett partikolari ta' ċirkostanzi. Ta' min jinnota li metodi unilaterali bħall-Prezz għall-Bejgħ mill-Ġdid, il-Kost b'Addenda, il-Metodu tal-Marġni Nett Tranżazzjonali ma jitqisux affidabbli jekk kull parti fi tranżazzjoni tagħmel kontribuzzjonijiet uniċi u siewja fir-rigward tat-tranżazzjoni kkontrollata, jew meta l-partijiet jinvolvu ruħhom f'attivitajiet integrati ħafna. F'każ bħal dan, il-metodu tat-tqassim tal-profitt huwa l-aktar metodu xieraq, peress li l-partijiet indipendenti jistgħu effettivament jipprezzaw it-tranżazzjoni bi proporzjon mal-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom, f'liema każ metodu bidirezzjonali jkun aktar xieraq. Metodi unilaterali huma xierqa meta waħda mill-partijiet tagħmel il-kontribuzzjonijiet uniċi u siewja kollha involuti fit-tranżazzjoni kkontrollata, filwaqt li l-parti l-oħra ma tagħmel l-ebda kontribuzzjoni unika u siewja. F'każ bħal dan, il-parti ttestjata, jiġifieri, il-parti għat-tranżazzjoni kkontrollata li għaliha jiġi ttestjat indikatur finanzjarju, jenħtieġ li tkun dik li għaliha jista' jiġi applikat metodu tal-ipprezzar ta' trasferiment bl-aktar mod affidabbli u li għaliha jistgħu jinstabu l-aktar elementi komparabbli affidabbli. Il-parti li ma tagħmel l-ebda kontribuzzjoni unika u siewja fir-rigward tat-tranżazzjoni ħafna drabi tkun dik li għaliha jista' jiġi applikat metodu unilaterali ta' pprezzar ta' trasferiment bl-aktar mod affidabbli.

(12) Sabiex jiġi applikat il-prinċipju ta' distakkament, huwa meħtieġ li titwettaq analiżi tal-komparabbiltà, li ġeneralment tikkonsisti f'żewġ aspetti ewlenin: (i) l-identifikazzjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji bejn l-intrapriżi assoċjati u l-kundizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi ekonomikament rilevanti marbuta ma' dawk ir-relazzjonijiet; u (ii) it-tqabbil tal-kundizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi ekonomikament rilevanti tat-tranżazzjonijiet bejn intrapriżi assoċjati (tranżazzjonijiet ikkontrollati) ma' dawk ta' tranżazzjonijiet komparabbli bejn intrapriżi indipendenti (tranżazzjonijiet mhux ikkontrollati komparabbli). Il-fatturi ta' komparabbiltà li għandhom jiġu kkunsidrati huma (i) it-termini kuntrattwali tat-tranżazzjoni, (ii) l-analiżi funzjonali (il-funzjonijiet li twettaq kull intrapriża, filwaqt li jitqiesu l-assi użati u r-riskji assunti), (iii) il-karatteristiċi tal-prodott jew tas-servizz li huwa l-oġġett ta' tranżazzjoni, (iv) iċ-ċirkostanzi ekonomiċi, u (v) l-istrateġiji tan-negozju. Ladarba jiġu stabbiliti ċ-ċirkostanzi tat-tranżazzjoni kkontrollata, jenħtieġ li jsiru t-tqabbil u l-valutazzjoni effettivi ta' jekk it-tranżazzjoni hijiex fuq bażi distakkata. Għal dak il-għan, il-kundizzjonijiet tat-tranżazzjoni kkontrollata taħt eżami jenħtieġ li jitqabblu mal-kundizzjonijiet ta' tranżazzjoni mhux ikkontrollata komparabbli. It-tranżazzjoni kkontrollata u dik mhux ikkontrollata jitqiesu bħala komparabbli jekk il-karatteristiċi ekonomikament rilevanti taż-żewġ tranżazzjonijiet u ċ-ċirkostanzi marbuta magħhom ikunu simili biżżejjed biex jipprovdu miżura affidabbli ta' riżultat ta' distakkament. Iż-żewġ tranżazzjonijiet ma għandhomx għalfejn ikunu identiċi biex ikunu komparabbli. Minflok, jenħtieġ li l-ebda waħda mid-differenzi bejniethom ma taffettwa materjalment il-prezz jew il-profitt ta' distakkament; meta jkunu jeżistu differenzi materjali bħal dawn, jenħtieġ li jsiru aġġustamenti raġonevolment akkurati biex jiġi eliminat l-effett tagħhom. Fit-tfittxija għal tranżazzjonijiet mhux ikkontrollati komparabbli, jenħtieġ li jitqiesu kif xieraq ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-

Rapport tal-Forum Konġunt tal-UE dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment tal-2016 tal-Kummissjoni dwar l-użu ta' elementi komparabbli fl-UE[32].

(13) Sabiex jiġi mminimizzat it-tilwim u jiġi żgurat approċċ komuni madwar l-Unjoni, din id-Direttiva tipprevedi wkoll li l-kontribwent ma għandux ikun soġġett għal aġġustament meta r-riżultati tiegħu jaqgħu fil-medda interkwartali sakemm l-amministrazzjoni tat-taxxa jew il-kontribwent ma jġibux provi li jkun ġustifikat pożizzjonament differenti speċifiku fil-medda mill-fatti u ċ-ċirkostanzi tal-każ speċifiku. Meta r-riżultati ta' tranżazzjoni kkontrollata jaqgħu barra mill-medda tad-distakkament, l-amministrazzjonijiet tat-taxxa jenħtieġ li jkunu meħtieġa jagħmlu aġġustament għall-medjan tar-riżultati kollha sakemm il-kontribwent jew l-amministrazzjoni tat-taxxa ma tagħtix prova li kwalunkwe punt ieħor tal-medda jiddetermina prezz ta' distakkament aktar affidabbli f'każ partikolari.

(14) Sabiex jitnaqqas il-piż tal-konformità għall-kontribwenti li joperaw b'mod transfruntier fl-Unjoni, jenħtieġ li jiġi introdott ukoll approċċ komuni lejn id-dokumentazzjoni dwar l-ipprezzar ta' trasferiment. L-istabbiliment ta' mudell standard partikolari, ta' regoli dwar il-kontenut u l-arranġamenti lingwistiċi, dwar il-perjodi ta' żmien u liema kontribwenti jenħtieġ li jkunu fl-ambitu jwasslu għas-sempliċità u l-iffrankar potenzjali tal-kostijiet filwaqt li jitqies il-Kapitolu V "Dokumentazzjoni" tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti u l-Kodiċi ta' Kondotta dwar id-dokumentazzjoni tal-ipprezzar ta' trasferiment għal intrapriżi assoċjati fl-Unjoni Ewropea[33].

(15) Ir-regoli previsti minn din id-Direttiva jenħtieġ li jiġu applikati b'mod konsistenti mal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti.

(16) Sabiex tinħoloq aktar ċertezza għall-kontribwenti u jiġi mmitigat ir-riskju ta' tassazzjoni doppja, il-possibbiltà li jiġu stabbiliti aktar regoli komuni vinkolanti dwar l-ipprezzar ta' trasferiment permezz ta' atti ta' implimentazzjoni hija prevista f'din id-Direttiva. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni jenħtieġ li jipprovdu lill-kontribwenti perspettiva ċara ta' dak li l-awtoritajiet tat-taxxa fl-Unjoni jikkunsidraw aċċettabbli biex jintuża għal tranżazzjonijiet speċifikati u jipprovdu l-hekk imsejħa "portijiet sikuri" li jnaqqsu l-piż tal-konformità u l-għadd ta' każijiet ta' tilwim. Fid-dawl tal-impatt potenzjali ta' tali miżuri fuq is-setgħa nazzjonali eżekuttiva u ta' infurzar fir-rigward tat-tassazzjoni diretta, l-eżerċitar tad-drittijiet ta' tassazzjoni allokati skont konvenzjonijiet tat-taxxa bilaterali jew multilaterali li jipprevjenu t-tassazzjoni doppja jew in-nuqqas ta' tassazzjoni doppja u fid-dawl tal-impatt potenzjali fuq il-bażijiet tat-taxxa tal-Istati Membri, il-Kunsill jenħtieġ li jingħata setgħat ta' implimentazzjoni għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet skont din id-Direttiva, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.

---

32 Ir-Rapport tal-Forum Konġunt tal-UE dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment tal-2016 tal-Kummissjoni dwar l-użu ta' elementi komparabbli fl-UE (JTPF/007/2016/FINAL/EN):https://taxation-customs.ec.europa.eu/system/files/2017-04/jtpf0072017encomps.pdf

33 Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, tas- 27 ta' Ġunju 2006 dwar kodiċi ta' kondotta dwar id-dokumentazzjoni rigward l-ipprezzar tat-trasferimenti għall-intrapriżi assoċjati fl-Unjoni Ewropea (TPD UE), 2006/C 176/01, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=uriserv%3AOJ.C_.2006.176.01.0001.01.ENG&toc=OJ%3AC%3A2006%3A176%3AFULL

(17) Sabiex tiġi evalwata l-effettività tar-regoli l-ġodda stabbiliti f'din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tħejji evalwazzjoni abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u *data* oħra disponibbli.

(18) Sabiex in-negozji jkunu jistgħu jgawdu direttament mill-benefiċċji tas-suq intern mingħajr ma jġarrbu piż amministrattiv addizzjonali bla bżonn, l-informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet tat-taxxa stabbiliti f'din id-Direttiva jenħtieġ li ssir aċċessibbli permezz tal-Gateway Diġitali Unika ("SDG") f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1724[34]. L-SDG tipprovdi punt uniku ta' servizz għall-utenti transfruntieri għall-forniment online ta' informazzjoni, proċeduri u servizzi ta' assistenza rilevanti għall-funzjonament tas-suq intern.

(19) L-ipproċessar ta' *data* personali mwettaq fil-qafas ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jkun konformi mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35]. L-Istati Membri jistgħu jipproċessaw *data* personali skont din id-Direttiva għall-fini tal-istabbiliment ta' intrapriżi assoċjati kif imsemmi fl-Artikolu 5.

(20) Il-perjodu ta' żamma ta' 10 snin huwa ġġustifikat sabiex jippermetti lill-Istati Membri jikkonformaw mal-biċċa l-kbira tal-istatuti tal-limitazzjonijiet. (21) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-kontribwenti, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-dokumentazzjoni tal-ipprezzar ta' trasferiment, billi jiġu stabbiliti mudelli komuni u rekwiżiti lingwistiċi, jiġi ddefinit it-tip ta' kontribwent li għandu jirrispetta dawn il-mudelli u l-perjodi ta' żmien li għandhom jiġu koperti. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(22) Billi l-objettiv ta' din id-Direttiva ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jista' pjuttost, minħabba r-raġuni tan-natura transfruntiera tar-regoli tal-ipprezzar ta' trasferiment u l-ħtieġa li jitnaqqsu l-kostijiet ta' konformità fis-suq intern kollu kemm hu, jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dan l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

[34] Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1).

[35] Ir-Regolament (EU) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

(23) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta l-opinjoni tiegħu [għad trid tiddaħħal].

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

## KAPITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

### Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli għall-armonizzazzjoni tar-regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment tal-Istati Membri u biex tiġi żgurata applikazzjoni komuni tal-prinċipju ta' distakkament fl-Unjoni.

*Artikolu 2*

### Kamp ta' applikazzjoni

Din id-Direttiva tapplika għall-kontribwenti li huma rreġistrati fi Stat Membru wieħed jew aktar, jew soġġetti għal taxxa fihom, inklużi stabbilimenti permanenti fi Stat Membru wieħed jew aktar.

*Artikolu 3*

### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "prinċipju ta' distakkament" tfisser l-istandard internazzjonali li jippreskrivi li l-intrapriżi assoċjati jeħtiġilhom jinnegozjaw ma' xulxin daqslikieku kienu partijiet terzi indipendenti. Fi kliem ieħor, it-tranżazzjonijiet bejn żewġ intrapriżi assoċjati jenħtieġ li jirriflettu l-eżitu li kien jinkiseb kieku l-partijiet ma kinux relatati, jiġifieri li kieku l-partijiet kienu indipendenti minn xulxin u l-eżitu (prezz jew marġini) kien iddeterminat minn forzi tas-suq (miftuħa).

(2) "riżultat ta' distakkament" tfisser l-eżitu ta' tranżazzjoni kkontrollata li kieku l-kundizzjonijiet magħmula jew imposti bejn l-intrapriżi assoċjati fir-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji tagħhom kienu dawk li kienu jsiru bejn intrapriżi indipendenti.

(3) "medda tad-distakkament" tfisser medda ta' ċifri li hija aċċettabbli biex jiġi stabbilit jekk il-kundizzjonijiet ta' tranżazzjoni kkontrollata humiex distakkati u li huma derivati mill-applikazzjoni tal-istess metodu ta' pprezzar ta' trasferiment għal *data* komparabbli multipla;

(4) "stabbiliment permanenti" tfisser post fiss ta' negozju, kif definit fil-konvenzjoni bilaterali rilevanti dwar l-evitar tat-tassazzjoni doppja jew, fin-nuqqas ta' dan, fid-dritt nazzjonali;

(5) “intrapriżi indipendenti” tfisser intrapriżi li ma humiex intrapriżi assoċjati skont it-tifsira tal-Artikolu 5;

(6) “aġġustament primarju” tfisser aġġustament ’il fuq li jsir għall-profitti taxxabbli ta’ kumpanija minn amministrazzjoni tat-taxxa fl-ewwel ġuriżdizzjoni bħala riżultat tal-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ distakkament għal tranżazzjonijiet li jinvolvu intrapriża assoċjata fit-tieni ġuriżdizzjoni tat-taxxa;

(7) “aġġustament korrelattiv” tfisser aġġustament ’l isfel għall-profitti taxxabbli ta’ kumpanija magħmul mill-amministrazzjoni tat-taxxa fit-tieni ġuriżdizzjoni bħala konsegwenza ta’ aġġustament primarju magħmul mill-amministrazzjoni tat-taxxa fl-ewwel ġuriżdizzjoni, sabiex l-allokazzjoni tal-profitti miż-żewġ ġuriżdizzjonijiet tkun konsistenti;

(8) “aġġustament kumpensatorju” tfisser aġġustament li fih il-kontribwent jirrapporta prezz ta’ trasferiment għall-finijiet tat-taxxa li huwa, fl-opinjoni tal-kontribwent, prezz ta’ distakkament għal tranżazzjoni kkontrollata, anke jekk dan il-prezz ivarja mill-ammont effettivament mitlub bejn l-intrapriżi assoċjati;

(9) “metodu ta’ prezz komparabbli mhux ikkontrollat” tfisser metodu ta’ pprezzar ta’ trasferiment li jqabbel il-prezz għall-proprjetà jew għas-servizzi ttrasferiti fi tranżazzjoni kkontrollata mal-prezz mitlub għall-proprjetà jew għas-servizzi ttrasferiti fi tranżazzjoni mhux ikkontrollata komparabbli f’ċirkostanzi komparabbli;

(10) “metodu tal-prezz tal-bejgħ mill-ġdid” tfisser metodu tal-ipprezzar ta’ trasferiment bbażat fuq il-prezz li bih prodott li jkun inxtara minn intrapriża assoċjata jinbiegħ mill-ġdid lil intrapriża indipendenti; il-prezz għall-bejgħ mill-ġdid li jitnaqqas bil-marġni tal-prezz għall-bejgħ mill-ġdid u r-riżultat, wara li jitnaqqas il-marġni tal-prezz għall-bejgħ mill-ġdid, jista’ jitqies, wara aġġustament għal kostijiet oħra assoċjati max-xiri tal-prodott, eż. dazji doganali, bħala prezz ta’ distakkament tat-trasferiment oriġinali tal-proprjetà bejn l-intrapriżi assoċjati;

(11) “sistema ta’ pprezzar fuq il-bażi ta’ kost b’addenda” tfisser metodu ta’ pprezzar ta’ trasferiment bl-użu tal-kostijiet imġarrba mill-fornitur tal-proprjetà (jew tas-servizzi) fi tranżazzjoni kkontrollata; ma’ dawn il-kostijiet jiżdied marġni kummerċjali xieraq, sabiex ikun hemm profitt xieraq fid-dawl tal-funzjonijiet imwettqa (filwaqt li jitqiesu l-assi użati u r-riskji assunti) u l-kundizzjonijiet tas-suq; il-prezz, wara li jiżdied il-marġni kummerċjali mal-bażi xierqa tal-kost, jista’ jitqies bħala prezz ta’ distakkament tat-tranżazzjoni kkontrollata oriġinali;

(12) “metodu tal-marġni nett tranżazzjonali” tfisser metodu ta’ profitt tranżazzjonali li jeżamina l-marġni ta’ profitt nett meta mqabbel ma’ bażi xierqa, eż. kostijiet, bejgħ, assi, li kontribwent jaqla’ minn tranżazzjoni kkontrollata li huwa xieraq li jiġi aggregat;

(13) “metodu tat-tqassim tal-profitt” tfisser metodu tat-tqassim tal-profitt tranżazzjonali li juri l-profitti rilevanti li għandhom jitqassmu għall-intrapriżi assoċjati minn tranżazzjoni kkontrollata (jew tranżazzjonijiet ikkontrollati li huwa xieraq li jiġu aggregati) u mbagħad jaqsam dawk il-profitti bejn l-intrapriżi assoċjati fuq bażi ekonomikament valida li tqarreb id-diviżjoni tal-profitti li kienet tiġi miftiehma b’mod distakkat;

(14) “analiżi tal-komparabbiltà” tfisser tqabbil ta’ tranżazzjoni kkontrollata ma’ tranżazzjoni mhux ikkontrollata;

(15) “tranżazzjoni kkontrollata” tfisser tranżazzjoni bejn żewġ intrapriżi assoċjati;

(16) “tranżazzjoni mhux ikkontrollata komparabbli” tfisser tranżazzjoni bejn intrapriżi indipendenti li hija komparabbli mat-tranżazzjoni kkontrollata li qed tiġi eżaminata;

(17) “grupp ta’ intrapriżi multinazzjonali” (“grupp MNE”) tfisser grupp ta’ intrapriżi multinazzjonali ta’ intrapriżi assoċjati ma’ stabbilimenti ta’ negozju f’żewġ ġuriżdizzjonijiet jew aktar;

(18) “Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti” tfisser l-OECD Transfer Pricing Guidelines for Multinational Enterprises and Tax Administrations 2022, approvati mill-Kunsill tal-OECD skont ir- Recommendation of the Council on the Determination of Transfer Pricing between Associated Enterprises [C(95)126/Final], u kif emendata fl-20 ta’ Jannar 2022 u inkluża fl-Anness I, u kwalunkwe emenda oħra għal dawn il-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti li l-Unjoni approvat fil-kuntest tal-Kumitat tal-OECD dwar l-Affarijiet Fiskali permezz tal-adozzjoni ta’ pożizzjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE;

(19) “arranġament ta’ kontribuzzjoni għall-kostijiet” huwa arranġament kuntrattwali bejn l-intrapriżi tan-negozju biex jikkondividu l-kontribuzzjonijiet u r-riskji involuti fl-iżvilupp konġunt, fil-produzzjoni jew fil-kisba ta’ assi intanġibbli, ta’ assi tanġibbli jew ta’ servizzi bil-fehim li tali assi intanġibbli, assi tanġibbli jew servizzi huma mistennija joħolqu benefiċċji għan-negozji individwali ta’ kull wieħed mill-parteċipanti.

## KAPITOLU II

## REGOLI DWAR L-IPPREZZAR TA’ TRASFERIMENT

*Artikolu 4*

### Regola ġenerali dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta’ distakkament

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta intrapriża tkun involuta fi tranżazzjoni kummerċjali jew finanzjarja transfruntiera waħda jew aktar ma’ intrapriża assoċjata, tali intrapriża tiddetermina l-ammont tal-profitti taxxabbli tagħha b’mod li jkun konsistenti mal-prinċipju ta’ distakkament.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-kundizzjonijiet magħmula jew imposti fi tranżazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji transfruntieri bejn intrapriżi assoċjati ma jkunux konsistenti mal-prinċipju ta’ distakkament, kwalunkwe ammont ta’ profitti li jkun akkumula għal waħda mill-intrapriżi u li jkun taxxabbli għal dik l-intrapriża fi Stat Membru li kieku l-kundizzjonijiet tat-tranżazzjonijiet kienu konsistenti mal-prinċipju ta’ distakkament, iżda ma jkunx dovut għal dik l-intrapriża minħabba l-kundizzjonijiet mhux konsistenti mal-prinċipju ta’ distakkament, għandhom jiġu inklużi fil-profitti taxxabbli ta’ dik l-intrapriża u jiġu ntaxxati kif xieraq.

*Artikolu 5*

### Intrapriżi assoċjati

1. Għall-finijiet ta’ din id-Direttiva, “intrapriża assoċjata” tfisser persuna li hija relatata ma’ persuna oħra bi kwalunkwe wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) persuna tipparteċipa fil-ġestjoni ta' persuna oħra billi tkun f'pożizzjoni li teżerċita influwenza sinifikanti fuq il-persuna l-oħra;

(b) persuna tipparteċipa fil-kontroll ta' persuna oħra permezz ta' parteċipazzjoni li taqbeż il-25 % tad-drittijiet tal-vot;

(c) persuna tipparteċipa fil-kapital ta' persuna oħra permezz ta' dritt ta' sjieda li, direttament jew indirettament, jaqbeż il-25 % tal-kapital;

(d) persuna tkun intitolata għal 25 % jew aktar tal-profitti ta' persuna oħra.

2. Jekk aktar minn persuna waħda tipparteċipa fil-ġestjoni, fil-kontroll, fil-kapital jew fil-profitti tal-istess persuna, kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-persuni kollha kkonċernati għandhom jitqiesu bħala intrapriżi assoċjati.

3. Jekk l-istess persuni jipparteċipaw fil-ġestjoni, fil-kontroll, fil-kapital jew fil-profitti ta' aktar minn persuna waħda, kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-persuni kkonċernati kollha għandhom jitqiesu bħala intrapriżi assoċjati.

4. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, persuna għandha tfisser kemm persuna ġuridika kif ukoll persuna fiżika. Persuna li taġixxi flimkien ma' persuna oħra fir-rigward tad-drittijiet tal-vot jew tas-sjieda tal-kapital ta' entità għandha tiġi ttrattata bħala li għandha parteċipazzjoni fid-drittijiet kollha tal-vot jew fis-sjieda tal-kapital ta' dik l-entità li huma miżmuma mill-persuna l-oħra.

5. F'parteċipazzjonijiet indiretti, it-twettiq tal-kriterji stabbiliti fil-punt (b) u (c) tal-paragrafu 1 għandu jiġi ddeterminat billi jiġu mmultiplikati r-rati ta' parteċipazzjoni fil-livelli suċċessivi. Persuna li jkollha iżjed minn 50 % tad-drittijiet tal-vot għandha titqies li għandha 100 % tad-drittijiet tal-vot.

6. Individwu, il-konjuġi tiegħu jew is-sieħeb rikonoxxut tiegħu, f'konformità mad-dritt nazzjonali applikabbli, u l-axxendenti jew id-dixxendenti tiegħu jew tagħha u ħutu għandhom jiġu ttrattati bħala persuna waħda.

7. Stabbiliment permanenti għandu jitqies bħala intrapriża assoċjata tal-intrapriża li tagħha jkun parti.

*Artikolu 6*

**Aġġustamenti korrelattivi**

1. Meta jsir aġġustament primarju, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jagħmlu aġġustament korrelattiv sabiex jipprevjenu t-tassazzjoni doppja jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-Istat Membru li kien mitlub iwettaq l-aġġustament korrelattiv jaqbel li l-aġġustament primarju huwa konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament kemm fil-prinċipju kif ukoll fir-rigward tal-ammont;

(b) l-aġġustament primarju jirriżulta fit-tassazzjoni ta' ammont ta' profitti f'ġuriżdizzjoni oħra li fuqhom l-intrapriża assoċjata fl-Istat Membru li ntalab iwettaq l-aġġustament korrelattiv diġà kienet soġġetta għat-taxxa f'tali Stat Membru;

(c) meta tkun involuta ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz, ikun hemm fis-seħħ trattat dwar it-taxxa biex tiġi pprevenuta t-tassazzjoni doppja ekonomika.

2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu aġġustament korrelattiv bħala konsegwenza ta' proċedura ta' ftehim reċiproku skont trattat kontra t-taxxa doppja skont il-Konvenzjoni intergovernattiva tal-1990 dwar l-Eliminazzjoni tat-Tassazzjoni Doppja ("il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ")[36] jew skont id-Direttiva (UE) 2017/1852[37].

3. Minkejja l-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun jista' jsir aġġustament korrelattiv bħala konsegwenza ta' talba tal-kontribwent fid-dawl ta' aġġustament primarju li jsir f'ġuriżdizzjoni oħra. Il-proċedura li ġejja għandha tapplika għall-aġġustamenti korrelattivi mwettqa skont dan il-paragrafu:

   (a) it-talba tal-kontribwent għandha:

      (i) tindika ċ-ċirkostanzi fattwali u legali kollha meħtieġa biex jiġi evalwat l-aġġustament primarju mwettaq fil-ġuriżdizzjoni l-oħra skont il-prinċipju ta' distakkament;

      (ii) tipprovdi ċertifikat (jew dokument ekwivalenti) li jiċċertifika n-natura definittiva tal-aġġustament primarju barra mill-pajjiż; jekk l-aġġustament primarju jkun għadu mhux definittiv fid-data tas-sottomissjoni tat-talba, dan għandu jiġi indikat flimkien mal-kundizzjonijiet biex l-aġġustamenti jsiru definittivi; madankollu, iċ-ċertifikat tan-natura definittiva tal-aġġustament primarju għandu jiġi ppreżentat lill-Istat Membru kkonċernat qabel ma jingħata l-aġġustament korrelattiv.

   (b) L-Istati Membri għandhom jiddikjaraw it-talba ammissibbli fi żmien 30 jum permezz ta' notifika lill-kontribwent jekk tkun ġiet ippreżentata l-informazzjoni kollha prevista fil-paragrafu 3(a). Fl-istess perjodu ta' żmien, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-kontribwent dwar in-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni meħtieġa u jagħtu mill-inqas 30 jum biex din tingħata. Jekk il-kontribwent ma jipprovdix l-informazzjoni mitluba sal-iskadenza assenjata, it-talba tista' tiġi rifjutata bħala inammissibbli.

   (c) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta t-tassazzjoni doppja tirriżulta minn aġġustament primarju li jsir fi Stat Membru ieħor, il-proċedura tiġi konkluża fi żmien 180 jum minn meta tasal it-talba tal-kontribwent b'att motivat ta' aċċettazzjoni jew rifjut.

   (d) Fil-każ ta' aċċettazzjoni, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-awtorità tat-taxxa tal-ġuriżdizzjoni rilevanti l-oħra r-rikonoxximent tal-aġġustament korrelattiv.

   (e) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta ma jingħatax l-aġġustament korrelattiv, il-kontribwent ikun għadu jista' jsegwi proċeduri ta' ftehim reċiproku skont konvenzjoni kontra t-taxxa doppja, il-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ jew id-Direttiva (UE) 2017/1852.

4. Minkejja l-paragrafi 2 u 3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun jista' jsir aġġustament korrelattiv bħala konsegwenza ta' awditi konġunti tat-taxxa jew forom oħra ta' kooperazzjoni amministrattiva internazzjonali meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

---

[36] Il-Konvenzjoni 90/463/KEE tat-23 ta' Lulju 1990 dwar l-eliminazzjoni tat-taxxa doppja in konnessjoni mal-aġġustament tal-qligħ ta' intrapriżi assoċjati (ĠU L 225, 20.8.1990, p. 10).

[37] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/1852 tal-10 ta' Ottubru 2017 dwar Mekkaniżmi għas-Soluzzjoni tat-Tilwim dwar it-Taxxa fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 265, 14.10.2017, p. 1).

(a) l-amministrazzjonijiet tat-taxxa rilevanti jaqblu dwar id-determinazzjoni tal-prezz ta' distakkament;

(b) aġġustamenti primarji u korrelattivi jingħataw b'mod simetriku għall-istess ammont fil-ġuriżdizzjonijiet rilevanti kollha.

5. Minkejja l-paragrafu 1, fin-nuqqas ta' aġġustament primarju, l-Istati Membri jistgħu jwettqu aġġustament 'l isfel biss jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-aġġustament 'l isfel huwa konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament kemm fil-prinċipju kif ukoll fir-rigward tal-ammont;

(b) ammont ugwali għall-aġġustament 'l isfel huwa inkluż fil-profitt tal-intrapriża assoċjata fil-ġuriżdizzjoni l-oħra u ntaxxat kemm fl-Istat Membru kif ukoll fil-ġuriżdizzjoni l-oħra u għalhekk soġġett għal tassazzjoni doppja;

(c) l-Istat Membru mitlub iwettaq l-aġġustament 'l isfel ikun ikkomunika lill-amministrazzjoni tat-taxxa tal-ġuriżdizzjoni rilevanti l-intenzjoni li jwettaq aġġustament 'l isfel filwaqt li jipprovdi ċ-ċirkostanzi fattwali u legali kollha meħtieġa biex jiġi evalwat l-aġġustament 'l isfel skont il-prinċipju ta' distakkament.

*Artikolu 7*

**Aġġustament kumpensatorju**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li aġġustament kumpensatorju fil-forma ta' aġġustament fi tmiem is-sena mibdi mill-kontribwent jiġi aċċettat jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) qabel ma jirreġistra t-tranżazzjoni rilevanti, jew is-serje ta' tranżazzjonijiet, il-kontribwent għamel sforzi raġonevoli biex jikseb eżitu ta' distakkament;

(b) il-kontribwent jagħmel l-aġġustament b'mod simetriku fil-kontijiet fl-Istati Membri kollha involuti;

(c) il-kontribwent japplika l-istess approċċ b'mod konsistenti maż-żmien;

(d) il-kontribwent jagħmel l-aġġustament qabel ma jippreżenta d-dikjarazzjoni tat-taxxa;

(e) il-kontribwent jista' jispjega għaliex il-previżjoni tiegħu ma kinitx taqbel mar-riżultat miksub.

*Artikolu 8*

**Identifikazzjoni tar-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament tibda bl-identifikazzjoni u d-delineazzjoni akkurata tar-relazzjonijiet kummerċjali u finanzjarji tal-intrapriżi assoċjati fuq naħa waħda u t-tranżazzjoni jew it-tranżazzjonijiet effettivi bejn l-intrapriżi assoċjati fuq in-naħa l-oħra.

2. L-identifikazzjoni u d-delineazzjoni akkurata tar-relazzjonijiet kummerċjali u finanzjarji tal-intrapriżi assoċjati u t-tranżazzjoni(jiet) effettivi għandhom ikunu bbażati fuq l-aspetti li ġejjin:

(a) fehim preliminari fuq bażi wiesgħa tas-settur tal-industrija li fih joperaw l-intrapriżi assoċjati u tal-fatturi li jaffettwaw il-prestazzjoni tal-intrapriżi li joperaw f'dak is-settur;

(b) analiżi ta' kif topera kull intrapriża assoċjata, biex jiġu identifikati r-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji tagħha ma' intrapriżi assoċjati;

(c) analiżi tal-karatteristiċi ekonomikament rilevanti tat-tranżazzjonijiet ikkontrollati filwaqt li jitqiesu kemm il-forma kif ukoll is-sustanza tagħhom.

*Artikolu 9*

**Metodi tal-ipprezzar ta' trasferiment**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prezz ta' distakkament mitlub fi tranżazzjoni kkontrollata bejn intrapriżi assoċjati jiġi ddeterminat bl-użu ta' wieħed mill-metodi li ġejjin tal-ipprezzar ta' trasferiment:

(a) il-metodu tal-prezz mhux ikkontrollat komparabbli;

(b) il-metodu tal-prezz tal-bejgħ mill-ġdid;

(c) il-metodu tal-kost b'addenda;

(d) il-metodu tal-marġni nett tranżazzjonali;

(e) il-metodu tat-tqassim tal-profitt.

2. Minbarra dawk il-metodi elenkati fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jippermettu l-applikazzjoni ta' kwalunkwe metodu u teknika oħra ta' valwazzjoni biex jiġi stmat il-prezz ta' distakkament biss jekk ikun jista' jintwera b'mod sodisfaċenti li:

(a) l-ebda wieħed mill-metodi msemmija fil-paragrafu 1 ma jkun xieraq jew fattibbli fiċ-ċirkostanzi tal-każ;

(b) il-metodu jew it-teknika ta' valwazzjoni magħżula huma konsistenti mal-prinċipju ta' distakkament u jipprovdu stima aktar affidabbli tar-riżultat ta' distakkament mill-metodi elenkati fil-paragrafu 1.

*Artikolu 10*

**Ir-regola tal-aktar metodu xieraq**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prezz ta' distakkament jiġi ddeterminat billi jiġi applikat l-aktar metodu xieraq għall-ipprezzar ta' trasferiment għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

2. L-aktar metodu xieraq tal-ipprezzar ta' trasferiment għandu jintgħażel minn fost il-metodi tal-ipprezzar ta' trasferiment stabbiliti fl-Artikolu 9, filwaqt li jitqiesu l-kriterji li ġejjin:

(a) il-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet rispettivi tal-metodi tal-ipprezzar ta' trasferiment;

(b) l-adegwatezza ta' metodu tal-ipprezzar ta' trasferiment fid-dawl tan-natura tat-tranżazzjoni kkontrollata, iddeterminata b'mod partikolari permezz ta' analiżi

tal-funzjonijiet imwettqa minn kull intrapriża fit-tranżazzjoni kkontrollata, filwaqt li jitqiesu l-assi użati u r-riskji assunti;

(c) il-grad ta' komparabbiltà bejn it-tranżazzjonijiet ikkontrollati u mhux ikkontrollati, inkluża l-affidabbiltà tal-aġġustamenti tal-komparabbiltà, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġu eliminati d-differenzi bejniethom;

(d) id-disponibbiltà ta' informazzjoni affidabbli meħtieġa biex jiġi applikat il-metodu magħżul tal-ipprezzar ta' trasferiment.

*Artikolu 11*

**Analiżi tal-komparabbiltà**

1. L-Istati Membri għandhom jevalwaw jekk tranżazzjoni kkontrollata twassalx għal riżultat ta' distakkament billi jqabblu l-kundizzjonijiet tat-tranżazzjoni kkontrollata mal-kundizzjonijiet li kienu jiġu stabbiliti, li kieku l-intrapriżi assoċjati kienu indipendenti u li kieku kienu wettqu tranżazzjoni komparabbli f'ċirkostanzi komparabbli.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tranżazzjonijiet li jkunu qed jiġu analizzati jkunu komparabbli. Sabiex jiġi ddeterminat jekk żewġ tranżazzjonijiet jew aktar humiex komparabbli, għandhom jiġu kkunsidrati l-fatturi li ġejjin, sal-punt li huma ekonomikament rilevanti għall-fatti u ċ-ċirkostanzi ta' tranżazzjoni:

(a) it-termini kuntrattwali tat-tranżazzjoni;

(b) il-funzjonijiet imwettqa minn kull waħda mill-partijiet għat-tranżazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-assi użati u r-riskji assunti, inkluż kif dawk il-funzjonijiet huma relatati mal-ġenerazzjoni usa' ta' valur mill-grupp MNE li għalih jappartjenu l-partijiet, iċ-ċirkostanzi li jikkonċernaw it-tranżazzjoni, u l-prattiki tal-industrija;

(c) il-karatteristiċi tal-proprjetà trasferita jew tas-servizzi pprovduti;

(d) iċ-ċirkostanzi ekonomiċi tal-partijiet u tas-suq li fih joperaw il-partijiet;

(e) l-istrateġiji tan-negozju segwiti mill-partijiet.

3. Tranżazzjoni mhux ikkontrollata hija komparabbli ma' tranżazzjoni kkontrollata jekk tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ebda waħda mid-differenzi (jekk ikun hemm) bejn it-tranżazzjonijiet li jkunu qed jitqabblu jew bejn l-intrapriżi li jkunu qed iwettqu dawk it-tranżazzjonijiet ma tista' taffettwa materjalment il-prezz fis-suq miftuħ;

(b) jistgħu jsiru aġġustamenti raġonevolment akkurati biex jiġu eliminati l-effetti materjali ta' dawn id-differenzi.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tiftix għal tranżazzjonijiet mhux ikkontrollati komparabbli jkun trasparenti u riproduċibbli.

*Artikolu 12*

**Determinazzjoni tal-medda tad-distakkament**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-applikazzjoni tal-metodi tal-ipprezzar ta' trasferiment tipproduċi medda ta' valuri, il-medda tad-distakkament tiġi ddeterminata bl-użu tal-medda interkwartali tar-riżultati tal-elementi mhux ikkontrollati komparabbli.

2. Il-medda interkwartali hija l-medda mill-25 sal-75 perċentil tar-riżultati derivati mill-elementi mhux ikkontrollati komparabbli.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kontribwent ma jkunx soġġett għal aġġustament jekk ir-riżultati tiegħu jaqgħu fil-medda tad-distakkament, sakemm ma jiġix ippruvat li pożizzjonament differenti speċifiku fil-medda jkun iġġustifikat mill-fatti u miċ-ċirkostanzi tal-każ speċifiku.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, jekk ir-riżultati ta' tranżazzjoni kkontrollata jaqgħu barra mill-medda tad-distakkament, isir aġġustament għall-medjan tar-riżultati kollha sakemm ma jiġix ippruvat li kwalunkwe punt ieħor tal-medda jiddetermina prezz ta' distakkament filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ speċifiku. Il-medjan huwa l-50 perċentil tal-medda tar-riżultati tat-tranżazzjonijiet mhux ikkontrollati komparabbli.

*Artikolu 13*

**Dokumentazzjoni dwar l-ipprezzar ta' trasferiment**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kontribwent ikollu biżżejjed informazzjoni u analiżi disponibbli biex jivverifika li l-kundizzjonijiet tat-tranżazzjonijiet tiegħu ma' intrapriżi assoċjati jkunu f'konformità mal-Artikolu 4(1) u jenħtieġ li tal-inqas jinkludi l-elementi msemmija fl-Artikoli 8, 9, 10, 11 u 12.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, f'konformità mal-Artikolu 18, sabiex tissupplimenta aktar ir-regola msemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward tad-dokumentazzjoni, billi tistabbilixxi mudelli komuni u rekwiżiti lingwistiċi, tiddefinixxi t-tip ta' kontribwent li għandu jirrispetta dawn il-mudelli u l-perjodi ta' żmien li għandhom jiġu koperti.

## KAPITOLU III

## ORGANIZZAZZJONI

*Artikolu 14*

**Applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament**

1. Fir-regoli nazzjonali li jittrasponu r-regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment stabbiliti fil-Kapitolu II ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li jiżguraw li dawk ir-regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment jiġu applikati b'mod konsistenti mal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti.

2. Il-Kunsill jista' jistabbilixxi regoli ulterjuri, konsistenti mal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti, dwar kif il-prinċipju ta' distakkament u d-dispożizzjonijiet l-oħra stabbiliti fil-Kapitolu II ta' din id-Direttiva għandhom jiġu applikati fi tranżazzjonijiet speċifiċi biex tiġi żgurata aktar ċertezza tat-taxxa u jiġi mmitigat ir-riskju ta' tassazzjoni doppja. Dawk it-tranżazzjonijiet jew negozjati speċifiċi huma dawn li ġejjin:

(a) it-trasferiment ta' assi intanġibbli jew ta' drittijiet f'assi intanġibbli bejn intrapriżi assoċjati, inklużi assi intanġibbli li diffiċli jiġu vvalutati;

(b) il-forniment ta' servizzi bejn intrapriżi assoċjati, inkluż il-forniment ta' servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni u ta' distribuzzjoni;

(c) l-arranġamenti ta' kontribuzzjoni għall-kostijiet bejn l-intrapriżi assoċjati;

(d) it-tranżazzjonijiet bejn intrapriżi assoċjati fil-kuntest tar-ristrutturar tan-negozju;

(e) it-tranżazzjonijiet finanzjarji;

(f) in-negozjati bejn l-uffiċċju prinċipali u l-istabbilimenti permanenti tiegħu.

3. Ir-regoli msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jittieħdu permezz ta' atti ta' implimentazzjoni tal-Kunsill ibbażati fuq proposta mill-Kummissjoni.

## KAPITOLU IV
## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 15*

**Evalwazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha teżamina u tevalwa l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva kull 5 snin u tippreżenta rapport dwar l-evalwazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-ewwel rapport għandu jiġi preżentat sal-31 ta' Diċembru 2031.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni rilevanti għall-evalwazzjoni ta' din id-Direttiva bil-għan li tittejjeb l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament, li titnaqqas it-tassazzjoni doppja kif ukoll li jiġi miġġieled l-abbuż tat-taxxa, f'konformità mal-paragrafu 3.

3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri f'konformità mal-paragrafu 2, u tispeċifika l-format u l-kundizzjonijiet ta' komunikazzjoni ta' dik l-informazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 17.

4. Il-Kummissjoni għandha żżomm l-informazzjoni kkomunikata lilha skont il-paragrafu 2 kunfidenzjali f'konformità mad-dispożizzjonijiet applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Artikolu 16 ta' din id-Direttiva.

5. L-informazzjoni kkomunikata lill-Kummissjoni minn Stat Membru skont l-Artikolu 2, kif ukoll kwalunkwe rapport jew dokument prodotti mill-Kummissjoni li jużaw tali informazzjoni, jistgħu jiġu trażmessi lil Stati Membri oħra. L-informazzjoni għandha tkun koperta mill-obbligu ta' segretezza uffiċjali u għandha tgawdi l-

protezzjoni estiża għal informazzjoni simili skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru li jkun irċevieha.

*Artikolu 16*

**Protezzjoni tad-*data***

1. L-Istati Membri jistgħu jipproċessaw *data* personali skont din id-Direttiva għall-fini tal-applikazzjoni tal-Artikolu 5. Meta jipproċessaw *data* personali għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jitqiesu bħala kontrolluri, skont it-tifsira tal-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679, fl-ambitu tal-attivitajiet rispettivi tagħhom skont din id-Direttiva.

2. L-informazzjoni, inkluża d-*data* personali, ipproċessata f'konformità ma' din id-Direttiva, għandha tinżamm biss sakemm ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-finijiet ta' din id-Direttiva, f'konformità mad-dritt nazzjonali ta' kull kontrollur tad-*data* dwar l-istatut ta' limitazzjonijiet, iżda fi kwalunkwe każ għal mhux aktar minn 10 snin.

*Artikolu 17*

**Proċedura ta' Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn Kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2014[38].

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 18*

**Eżerċitar ta' delega**

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa ta' adozzjoni tal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 13 soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 13 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-att delegat jekk ikun diġà fis-seħħ.

3. Qabel ma tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti magħżula ta' kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet tat-13 ta' April 2016.

4. Hekk kif tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah lill-Kunsill.

5. L-att delegat adottat skont l-Artikolu 13 għandu jidħol fis-seħħ mingħajr dewmien u għandu japplika sakemm ma tkun espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill. Il-Kunsill jista' joġġezzjona għall-att delegat fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att. Dak il-

[38] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13–18)

perjodu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Kunsill. F'tali każ, il-Kummissjoni għandha tħassar l-att minnufih wara n-notifika tad-deċiżjoni ta' oġġezzjoni mill-Kunsill.

*Artikolu 19*

**Informazzjoni lill-Parlament Ewropew**

Il-Parlament Ewropew għandu jiġi infurmat mill-Kummissjoni dwar l-adozzjoni ta' atti delegati, dwar kwalunkwe oġġezzjoni fformulata għalihom, u dwar ir-revoka tad-delega tas-setgħat mill-Kunsill.

6. .

*Artikolu 20*

**Traspożizzjoni**

1. Sa mhux aktar tard minn [il-31 ta' Diċembru 2025], l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

   Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [l-1 ta' Jannar 2026].

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 21*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 22*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

| |
|---|
| Direttiva dwar l-ipprezzar ta' trasferiment |

### 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

| |
|---|
| Politika tat-Tassazzjoni |

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☒ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[39]

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

### 1.4. Objettiv(i)

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

| |
|---|
| Żieda fiċ-ċertezza tat-taxxa; il-proposta għandha l-għan li żżid iċ-ċertezza tat-taxxa billi tintroduċi approċċ aktar ċar u aktar komuni għall-ipprezzar ta' trasferiment madwar l-UE. |

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

| |
|---|
| 1) L-introduzzjoni tal-prinċipju ta' distakkament fil-leġiżlazzjoni tal-UE.<br>2) Il-kjarifika tar-rwol tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti.<br>3) L-iżgurar ta' applikazzjoni koerenti tal-ALP madwar l-Unjoni<br>4) It-tnaqqis tat-tassazzjoni doppja u tan-nontassazzjoni doppja |

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

| |
|---|
| Regoli aktar ċari u aktar armonizzati jistgħu jwasslu wkoll għal tnaqqis fit-tilwim relatat mal-ipprezzar ta' trasferiment madwar l-UE kif ukoll għal tnaqqis fit-tassazzjoni doppja u fin-nontassazzjoni doppja. Approċċ aktar komuni lejn l-ipprezzar ta' trasferiment jista' jwassal għal tnaqqis fil-kostijiet relatati mal-konformità mar-regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment fl-Istati Membri differenti. |

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

| |
|---|
| 1) Objettiv: It-tnaqqis tar-riskju ta' tassazzjoni doppja u litigazzjoni.<br>Indikaturi: L-għadd ta' każijiet ta' tilwim dwar it-tassazzjoni doppja bejn l-Istati Membri, li jidher bħala "entrati ġodda" (wara li bdiet tapplika d-Direttiva dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti) fil-proċeduri tal-MAP u fl-Arbitraġġ. |

39 Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Għodod ta' Kejl: *Data* miġbura minn TAXUD dwar l-MAPs il-ġodda u għadd ta' każijiet fl-ambitu tal-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ u d-Direttiva dwar il-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-taxxa.

2) Objettiv: Żieda fiċ-ċertezza tat-taxxa

Indikaturi: L-għadd ta' każijiet ta' tilwim dwar it-tassazzjoni doppja bejn l-Istati Membri, li jidher bħala "entrati ġodda" (wara li bdiet tapplika d-Direttiva dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti) fil-proċeduri tal-MAP u fl-Arbitraġġ.

Għodod ta' Kejl: *Data* miġbura minn TAXUD dwar l-MAPs il-ġodda u għadd ta' każijiet fl-ambitu tal-Konvenzjoni ta' Arbitraġġ u d-Direttiva dwar il-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar it-taxxa.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

### *1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Il-Kummissjoni għandha l-għan li tagħmel proposti għal abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni rigward il-maġġoranza tat-tranżazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 14 u tipprovdi aktar speċifikazzjoni rigward id-dokumentazzjoni uniformi dwar l-ipprezzar ta' trasferiment elenkata fl-Artikolu 13 fl-ewwel 5 snin tal-applikazzjoni tad-Direttiva.

### *1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*)

L-Istati Membri kollha tal-UE implimentaw il-prinċipju ta' distakkament fil-leġiżlazzjoni domestika tagħhom. Madankollu, il-leġiżlazzjoni domestika tal-Istati Membri turi differenzi rilevanti. Barra minn hekk, l-istatus u r-rwol tal-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor u dan joħloq interpretazzjonijiet differenti tad-distakkament.

Valur miżjud tal-Unjoni li mistenni jkun iġġenerat (*ex post*)

Minħabba l-element transfruntier inerenti tal-ipprezzar ta' trasferiment, il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni jirriżulta mill-possibbiltà li jiġi stabbilit approċċ komuni madwar l-UE lejn l-ipprezzar ta' trasferiment li se jirriżulta f'ċertezza tat-taxxa akbar u jista' jinkiseb biss fil-livell tal-UE.

### *1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Din l-inizjattiva leġiżlattiva hija ġdida fil-livell tal-UE. Ir-regoli dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti ma humiex armonizzati fil-livell tal-UE permezz ta' atti leġiżlattivi. Fil-passat, il-Kummissjoni ttrattat kwistjonijiet dwar l-ipprezzar ta' trasferiment permezz tal-ħidma tal-Forum Konġunt dwar il-Prezzijiet tat-Trasferimenti (JTPF)[40], grupp ta' esperti stabbilit mill-Kummissjoni fl-2002 u li l-ħidma tiegħu kienet li

[40] Ara l-Forum Konġunt tal-UE dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment (JTPF) hawnhekk: https://taxation-customs.ec.europa.eu/joint-transfer-pricing-forum_en.

jipproponi lill-Kummissjoni soluzzjonijiet prammatiċi mhux leġiżlattivi għall-problemi prattiċi li jirriżultaw mill-prattiki tal-ipprezzar ta' trasferiment fl-UE. Il-mandat tiegħu skada f'Marzu 2019 u ma ġġeddidx.

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Din id-Direttiva tirrifletti waħda mill-azzjonijiet stabbiliti fil-"Pjan ta' Azzjoni għal tassazzjoni ġusta u sempliċi li tappoġġa l-istrateġija ta' rkupru". L-iżgurar ta' tassazzjoni ġusta jirrikjedi l-prevenzjoni tal-abbuż tat-taxxa. Il-Proposta se tuża proċeduri, arranġamenti u għodod tal-IT simili diġà stabbiliti jew li qegħdin jiġu żviluppati skont id-DAC.

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Sabiex tipproponi att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni se jkollha bżonn tikkollabora ma' esperti fil-qasam tal-ipprezzar ta' trasferiment u se torganizza laqgħat biex titlob il-parir tagħhom. Jista' jiġi stabbilit grupp permanenti ta' esperti biex jakkomoda l-iskambju ta' għarfien espert. Il-kostijiet rilevanti relatati ma' dawn il-laqgħat se jiġu ffinanzjati mill-baġit tal-UE.

## 1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ **durata limitata**

- ☐ fis-seħħ minn SSSS sa SSSS
- ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

## 1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)[41]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;
- ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

[41] Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi u persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

| |
|---|
| Il-Kummissjoni se tiżgura li jkun hemm arranġamenti stabbiliti sabiex tagħmel monitoraġġ u tevalwa l-funzjonament tal-intervent u tevalwah fil-kuntest tal-objettivi ta' politika ewlenin.<br><br>L-Istati Membri se jissottomettu *data* fuq bażi annwali lill-Kummissjoni għall-informazzjoni deskritta fit-Tabella ta' hawn fuq dwar l-indikaturi tal-prestazzjoni li se jintużaw għall-monitoraġġ tal-konformità mad-Direttiva. Hekk kif id-*data* ta' monitoraġġ tkun disponibbli, u jekk titqies xierqa, il-Kummissjoni se tivvaluta r-reviżjoni ta' xi wħud mill-karatteristiċi tagħha fl-att ta' implimentazzjoni għas-sistema ta' rapportar.<br><br>Se ssir evalwazzjoni 5 snin wara l-implimentazzjoni tad-Direttiva li se tippermetti lill-Kummissjoni tirrieżamina r-riżultati tal-politika fir-rigward tal-objettivi tagħha kif ukoll l-impatti kumplessivi f'termini ta' titjib fl-applikazzjoni uniformi tal-prinċipju ta' distakkament fl-UE kollha kif ukoll tnaqqis tat-tassazzjoni doppja u tan-nontassazzjoni doppja. |

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

| |
|---|
| L-implimentazzjoni tal-inizjattiva se tibbaża fuq l-awtoritajiet kompetenti (l-amministrazzjonijiet tat-taxxa) tal-Istati Membri.<br><br>Wara l-adozzjoni tad-Direttiva, il-Kummissjoni se tkun involuta biss fit-tħejjija tar-regoli permezz ta' atti ta' implimentazzjoni u se taġixxi biss f'każ ta' ksur tad-Direttiva. |

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

| |
|---|
| L-elementi ewlenin tal-istrateġija ta' kontroll huma: |

Kuntratti ta' akkwist

Il-proċeduri ta' kontroll għal akkwist definiti fir-Regolament Finanzjarju: kwalunkwe kuntratt ta' akkwist jiġi stabbilit wara l-proċedura stabbilita ta' verifika mis-servizzi tal-Kummissjoni għall-pagament, filwaqt li jitqiesu l-obbligi kuntrattwali u l-ġestjoni finanzjarja u ġenerali tajba. Miżuri kontra l-frodi (kontrolli, rapporti, eċċ.) huma previsti fil-kuntratti kollha konklużi bejn il-Kummissjoni u l-benefiċjarji. Termini dettaljati ta' referenza jiġu abbozzati u jiffurmaw il-bażi ta' kull kuntratt speċifiku. Il-proċess ta' aċċettazzjoni jsegwi b'mod strett il-metodoloġija TAXUD TEMPO: ir-riżultati jiġu rieżaminati, jekk ikun meħtieġ emendati u finalment aċċettati (jew irrifjutati) b'mod espliċitu. Ma tista' titħallas l-ebda fattura mingħajr "ittra ta' aċċettazzjoni".

Verifika teknika ta' akkwist

Id-DĠ TAXUD iwettaq kontrolli fuq ir-riżultati u jissorvelja l-operat u s-servizzi mwettqa mill-kuntratturi. Iwettaq ukoll awditi tal-kwalità u s-sigurtà tal-kuntratturi tagħhom fuq bażi regolari. L-awditi tal-kwalità jivverifikaw il-konformità tal-proċessi effettivi tal-kuntratturi mar-regoli u l-proċeduri definiti fil-pjanijiet ta' kwalità tagħhom. L-awditi tas-sigurtà jiffokaw fuq il-proċessi speċifiċi, il-proċeduri u l-istabbiliment.

Minbarra l-kontrolli ta' hawn fuq, id-DĠ TAXUD iwettaq il-kontrolli finanzjarji tradizzjonali:

Verifika *ex ante* tal-impenji

L-impenji kollha fid-DĠ TAXUD jiġu vverifikati mill-Kap tal-Unità tal-Finanzi u mill-korrispondent tan-negozju tar-Riżorsi Umani. B'riżultat ta' dan, 100 % tal-ammonti impenjati jiġu koperti mill-verifika *ex ante*. Il-proċedura tagħti livell għoli ta' garanzija fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet.

Verifika *ex ante* tal-pagamenti

100 % tal-pagamenti huma vverifikati *ex ante*. Barra minn hekk, kull ġimgħa mill-inqas pagament wieħed (mill-kategoriji kollha tan-nefqiet) jintgħażel b'mod każwali għal verifika *ex ante* addizzjonali li titwettaq mill-kap tal-Unità tal-Finanzi u mill-korrispondent tan-negozju tar-Riżorsi Umani. Ma hemm l-ebda mira għal dak li jirrigwarda l-kopertura, billi l-għan ta' din il-verifika huwa l-iċċekkjar "każwali" tal-pagamenti sabiex jiġi vverifikat li l-pagamenti kollha jkunu ppreparati f'konformità mar-rekwiżiti. Il-pagamenti li jifdal jiġu pproċessati skont ir-regoli fis-seħħ kuljum.

Id-Dikjarazzjonijiet tal-Uffiċjali ta' Awtorizzazzjoni b'Sottodelegazzjonijiet (AOSD)

L-AOSD kollha jiffirmaw dikjarazzjonijiet li jappoġġaw ir-Rapport tal-Attività Annwali għas-sena kkonċernata. Dawn id-dikjarazzjonijiet ikopru l-operazzjonijiet skont il-programm. L-AOSD jiddikjaraw li l-operazzjonijiet konnessi mal-implimentazzjoni tal-baġit ikunu twettqu f'konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba, li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti jkunu pprovdew garanzija sodisfaċenti dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet u li r-riskji assoċjati ma' dawn l-operazzjonijiet ikunu ġew identifikati b'mod xieraq, u rapportati u li l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni jkunu ġew implimentati.

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

| |
|---|
| Il-kontrolli stabbiliti jippermettu li d-DĠ TAXUD ikollu garanzija biżżejjed tal-kwalità u tar-regolarità tal-infiq u li jitnaqqas ir-riskju ta' nonkonformità. Il-miżuri tal-istrateġija tal-kontroll ta' hawn fuq inaqqsu r-riskji potenzjali taħt il-mira ta' 2 % u jilħqu lill-benefiċjarji kollha. Miżuri addizzjonali għat-tnaqqis ulterjuri tar-riskju jirriżultaw f'kostijiet sproporzjonalment għoljin u għaldaqstant ma humiex previsti. Il-kostijiet kumplessivi involuti sabiex tiġi implimentata l-istrateġija ta' kontroll ta' hawn fuq – għall-infiq kollu skont il-programm Fiscalis – huma limitati għal 1,6 % tat-total tal-pagamenti magħmula. Dan il-proporzjon ma huwiex mistenni li jinbidel għal din l-inizjattiva. Il-programm tal-istrateġija ta' kontroll jillimita r-riskju ta' nonkonformità għal prattikament żero u huwa wkoll proporzjonat mar-riskji involuti. |

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

| |
|---|
| L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet, fosthom verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mad-dispożizzjonijiet u l-proċeduri stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/964 bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li tolqot l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b'rabta ma' ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt iffinanzjat skont dan ir-Regolament. |

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru 03 04 0100 | Diff./Mhux diff.[42]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[43] | mill-pajjiżi kandidati jew mill-kandidati potenzjali[44] | minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
| | Titjib tal-funzjonament xieraq tas-sistemi tat-tassazzjoni | Diff. | LE | LE | LE | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff. | mill-pajjiżi tal-EFTA | mill-pajjiżi kandidati jew mill-kandidati potenzjali | minn pajjiżi terzi oħra | dħul assenjat ieħor |
| | [XX.YY.YY.YY] | Diff. | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE | IVA/LE |

42 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
43 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
44 Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju plurjennali** | Numru | 03 04 0100 |
|---|---|---|

| DĠ: TAXUD | | | Sena **2025**[45] | Sena **2026** | Sena **2027** | Sena | Sena | Sena | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ○ Approprjazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | |
| Linja baġitarja[46] | Impenji | (1a) | 0,065 | 0,065 | 0,065 | | | | **0,195** |
| | Pagamenti | (2a) | 0,065 | 0,065 | 0,065 | | | | **0,195** |
| Linja baġitarja | Impenji | (1b) | | | | | | | |
| | Pagamenti | (2b) | | | | | | | |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi[47] | | | | | | | | | |
| Linja baġitarja | | (3) | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet** | Impenji | =1a+1b+3 | 0,065 | 0,065 | 0,065 | | | | **0,195** |

45 Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

46 Skont in-nomenklatura tal-baġit uffiċjali.

47 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **għad-DĠ TAXUD** | Pagamenti | =2a+2b +3 | 0,065 | 0,065 | 0,065 | | | | **0,195** |

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ○ TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | | | | |
| ○ TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA <….>** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | | | | | | | |

**<u>Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq:</u>**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ○ TOTAL tal-approprjazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha) | Impenji | (4) | | | | | | | | |
| | Pagamenti | (5) | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha) | | (6) | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 6** tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | | | | | | | | |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | | | | | | | |

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **7** | “Nefqa amministrattiva” |
|---|---|---|

Din it-taqsima jenħtieġ li timtela billi tintuża d-“*data* baġitarja ta’ natura amministrattiva” li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl-Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness 5 tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-regoli interni għall-implimentazzjoni tat-taqsima tal-Kummissjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea), li jittella’ fid-DECIDE għall-finijiet ta’ konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **2025** | Sena **2026** | Sena **2027** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| DĠ TAXUD | | | | | | | | | |
| ○ Riżorsi umani | | 1,026 | 1,026 | 1,026 | | | | | **3,078** |
| ○ Nefqa amministrattiva oħra | | **0,052** | **0,052** | **0,52** | | | | | **0,156** |
| **TOTAL TAD-DĠ TAXUD** | Approprjazzjonijiet | 1,078 | 1,078 | 1,078 | | | | | **3,234** |

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti) | 1,078 | 1,078 | 1,078 | | | | | |

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | Sena **N**[48] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet** | Impenji | 1,143 | 1,143 | 1,143 | | | | | **3,429** |

[48] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-“N” bl-ewwel sena ta’ implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta’ wara.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **skont l-INTESTATURI 1 sa 7**<br>tal-qafas finanzjarju pluriennali | Pagamenti | 0,065 | 0,065 | 0,065 | | | | | **0,195** |

### *3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** ⇩ | | | Sena **N** | | Sena **N+1** | | Sena **N+2** | | Sena **N+3** | | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| | Tip[49] | Kost medju | Le | Kost | Le | Kost | Le | Kost | Le | Kost | Le | Kost | Le | Kost | Le | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[50]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

49 L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (eż.: għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).
50 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi…"

### 3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta’ approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta’ EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **2025** [51] | Sena **2026** | Sena **2027** | Sena | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 1,026 | 1,026 | 1,026 | | | | | **3,078** |
| Nefqa amministrattiva oħra | 0,052 | 0,052 | 0,052 | | | | | **0,156** |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 1,078 | 1,078 | 1,078 | | | | | **3,234** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7[52] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta’ natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **TOTAL** | **1,078** | **1,078** | **1,078** | | | | | **3,234** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta’ natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma’ kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista’ tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta’ allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

---

51 Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-“N” bl-ewwel sena ta’ implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta’ wara.

52 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta’ appoġġ għall-implimentazzjoni ta’ programmi u/jew ta’ azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| | | Sena 2025 | Sena 2026 | Sena 2027 | Sena | Sena | Sena | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ○ **Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 6 | 6 | 6 | | | | 6 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | | |
| ○ **Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE)**[53] | | | | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | | | | | | | |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | | |
| **XX** 01 xx **yy zz** [54] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| 01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | | | |
| 01 01 01 12 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | **6** | **6** | **6** | | | | **6** |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | It-tħejjija ta' laqgħat u korrispondenza mal-Istati Membri, it-tħejjija tal-atti ta' implimentazzjoni, l-organizzazzjoni tal-laqgħat mal-esperti, il-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-OECD. Bħalissa d-DĠ TAXUD ma għandux ir-riżorsi meħtieġa, u għalhekk l-FTEs addizzjonali jkollhom jiżdiedu fil-baġit futur tad-DĠ TAXUD. |
| Persunal estern | |

[53] AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

[54] Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

### 3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

| Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, filwaqt li tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. Ipprovdi tabella Excel f'każ ta' riprogrammazzjoni kbira. |
|---|

– ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li għandhom jintużaw. |
|---|

– ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |
|---|

### 3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N**[55] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

[55] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

– ☐ fuq ir-riżorsi proprji

– ☐ fuq dħul ieħor

– indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[56] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| L-Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

| |
|---|
| |

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

| |
|---|
| |

[56] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.